# QORTI KOSTITUZZJONALI

**IMHALLFIN**

**S.T.O. PRIM IMHALLEF SILVIO CAMILLERI**
**ONOR. IMHALLEF GIANNINO CARUANA DEMAJO**
**ONOR. IMHALLEF NOEL CUSCHIERI**

**Seduta ta' nhar it-Tnejn 12 ta' Ġunju 2017**

**Numru 10**

**Rikors numru 51/14 LSO**

**Joseph Calleja**

**v.**

**Avukat Generali**

***Preliminari***

1. Dawn huma, appell principali maghmul mill-intimat Avukat Generali, u appell incidentali maghmul mir-rikorrent Joseph Calleja, minn sentenza [is-sentenza appellata] moghtija mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili fil-kompetenza Kostituzzjonali taghha fis-27 ta' Ottubru 2016, li permezz taghha dik il-Qorti ddecidiet billi, filwaqt li laqghet l-ewwel eccezzjoni stante li l-Artikolu 10 tal-Konvenzjoni mhux applikabbli ghall-

kaz odjern, cahdet ir-rimanenti eccezzjonijiet sollevati mill-intimat, u ddisponiet mit-talbiet tar-rikorrent billi: laqghet l-ewwel talba u ddikjarat illi l-proceduri kriminali mehuda kontra r-rikorrent, u l-piena karcerarja inflitta fuqu permezz tas-sentenza [is-sentenza kriminali] fil-kawza fl-ismijiet **Il-Pulizija (Suprintendent A. Mifsud Tommasi) v. Joseph Calleja u Emanuel Bonello** moghtija fl-erbatax (14) ta' Novembru tas-sena elf disa' mija tlieta u sebghin (1973) mill-Qorti Kriminali tal-Magistrati tal-Pulizija Gudizzjarja ghal Malta u dik moghtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali tal-Maesta' Taghha r-Regina, fit-tmienja u ghoxrin (28) ta' Marzu tas-sena elf disa' mija erbgha u sebghin (1974), illedew il-jedd fundamentali kostituzzjonali tal-istanti, hekk kif sanciti bl-Artikolu 41 tal-Kostituzzjoni ta' Malta; laqghet it-tieni talba u llikwidat il-kumpens li ghandu jithallas lir-rikorrent fl-ammont ta' hamest elef euro (€5,000) bhala danni non pekunjarji, u kkundannat lill-intimat ihallas lir-rikorrent din is-somma hekk likwidata, flimkien mal-imghaxijiet legali mid-data tas-sentenza; rigward l-ispejjez iddecidiet billi, minhabba t-trapass ta' zmien u t-temi legali in diskussjoni, ordnat li kull parti tbati l-ispejjez taghha.

***<u>Is-Sentenza Appellata</u>***

2. L-ewwel Qorti waslet ghad-decizjoni taghha, a bazi tas-segwenti konsiderazzjonijiet u li fiha hemm ukoll esposizzjoni dettaljata tal-fatti li

taw lok ghall-proceduri odjerni:

> “Illi r-rikorrent qed jilmenta li sofra lezjoni fid-drittijiet fondamentali tieghu fit-termini tal-**Artikolu 41 tal-Kostituzzjoni ta' Malta,** aktar 'il quddiem imsejjah **"Il-Kostituzzjoni"** u tal-**Artikolu 10 tal-Konvenzjoni Ewropea ghall-Protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem - Kap. 319 tal-Ligijiet ta' Malta,** 'il quddiem imsejjah "**Il-Konvenzjoni**" minhabba proceduri kriminali mehuda kontra tieghu u konkluzi fis-sena 1974 li konsegwenza taghhom gie kundannat tliet xhur habs u dan b’riferenza ghas-sentenza fil-kawza fl-ismijiet "**Il-Pulizija (Suprintendent A. Mifsud Tommasi) *vs* Joseph Calleja u Emanuel Bonello"** moghtija nhar il-erbatax (14) ta' Novembru tas-sena elf disa’ mija tlieta u sebghin (1973) mill-Qorti Kriminali tal-Magistrati tal-Pulizija Gudizzjarja ghal Malta u dik moghtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali tal-Maesta' Taghha r-Regina, nhar it-tmienja u ghoxrin (28) ta' Marzu tas-sena elf disa’ mija erbgha u sebghin (1974). Inoltre qed jitlob li jigi rimedjat b’kumpens xieraq ghad-danni (morali) li sofra.
>
> “Illi l-Intimat oppona ghat-talbiet. Preliminarjament eccepixxa l-applikabilita` tal-**artiklu 7** tal-Kap 319 tal-Ligijiet ta' Malta; li din il-Qorti ghandha tuza d-diskrezzjoni taghha a tenur tal-**artikolu 4(2) tal-Kap 319 tal-Ligijiet ta' Malta** u tal-**artiklu 46(2) tal-Kostituzzjoni**:li t-talbiet huma frivoli u vessatorji *stante* t-trapass ta' erbghin sena mis-sentenzi precitati u l-kawza tallum; u li fil-mertu d-dritt tal-liberta' tal-espressjoni kif sancit fil-Kostituzzjoni u fil-Konvenzjoni mhuwiex dritt in assolut u li fil-kaz odjern, l-artikli invokati ma gewx lezi fil-fatt u fid-dritt.
>
> “**Il-Fatti fil-Qosor**
>
> “Joseph Calleja kien editur tal-gazzetta *In-Niggieza* fis-sena 1973 fejn fil-harga tas-17 ta' Awwissu 1973 ippubblika artiklu intitolat "*Pudina mis-Sultan a' la Cassar".* F'dan l-artiklu, ppubblikat bl-akbar prominenza fuq l-ewwel faccata tal-gazzetta, attribwixxa lill-On. Dr Joseph Cassar, dak iz-zmien Ministru tax-Xoghol, Impiegi u Sigurta', bhala fatt, li certu Miss Sultana harget tqila minnu. Inoltre, l-artiklu jaghti x'jifhem li wiehed seta' jirranga li jmur Ruma biex isib ghajnuna professjonali ghal din il-kondizzjoni. Spicca biex wieghed li l-qarrejja kienu ser jinghataw aktar ahbar ghaliex "*Il-qasba ma ccaqcaqx ghalxejn."*
>
> “Illi r-rikorrent, bhala editur, flimkien mal-istampatur tal-gazzetta imsemmija, tressqu quddiem il-Qorti tal-Magistrati tal-Pulizija Gudizzjarja ghal Malta akkuzati li taw malafama lill-On. Joseph Cassar billi attribwewlu fatti determinanti bl-iskop li joffendu l-unur u l-fama tieghu u jesponuh ghar-ridikolu u ghad-disprezz tal-pubbliku; u inoltre, talli bl-istess artiklu direttament jew indirettament jew bl-uzu ta' kliem ekwivoku offendew il-moralita` pubblika jew il-pudur bi ksur tal-artikoli 11 u 15 tal-Ordinanza dwar l-Istampa (Kap 117 tal-Ligijiet ta' Malta-illum kap 248 tal-Ligijiet ta' Malta).

“F'dawn il-proceduri l-imputat iddikjara li kien lest biex jippubblika kwalsiasi dikjarazzjoni ghas-soddisfazzjoni tal-parti ingurjata, li kien jiddispjacih mill-akkadut u li jirtira l-allegazzjonijiet maghmula fl-istess artikolu.

“Illi b’sentenza tal-14 ta' Novembru 1973 l-imputati gew misjuba hatja skont l-imputazzjoni filwaqt li r-rikorrent gie kkundannat ghal tliet xhur prigunerija u hamsin lira (Lm50) multa kif ukoll gie ordnat il-pubblikazzjoni ta' sunt tas-sentenza.

“Din is-sentenza giet ikkonfermata mill-Qorti Kriminali tal-Maesta' Taghha r-Regina b’sentenza tat-28 ta' Marzu 1974.

“Illi r-rikorrent skonta piena karcerarja ta' xaharejn u nofs. Ma baqax jahdem ta' gurnalist u eventwalment sab impieg iehor fis-settur privat.

“Fis-7 ta' Awwissu 2012 talab kumpens *ex gratia* mill-Ministru tal-Gustizzja, dak iz-zmien l-On. Chris Said, liema talba giet rifjutata. Sussegwentement fid-19 ta' Dicembru 2012 ressaq talba ghall-mahfra Presidenzjali. B’ittra tat-2 ta' Jannar 2014, rcieva risposta fejn it-talba tieghu giet milqugha "*fis-sens illi jitnehha l-annotament tas-sejba tal-htija fic-certifikat tal-kondotta bhala sinjal ta' klemenza u mhux bhala rikonoxximent li fis-sentenza relattiva sar zball u ingustizzja."*

“Illi r-rikors odjern gie intavolat fid-29 ta' Settembru 2014 billi r-rikorrent xorta hass li ma saritx gustizzja mieghu.

“**Xhieda**

“**Joseph Calleja** xehed permezz ta' affidavit (fol 19) u qal li meta inghatat is-sentenza mill-Qorti tal-Appell fil-1974 il-Qorti Kostituzzjonali kienet sospiza (bejn 1972-1974) u ghalhekk ma setax jirrikorri immedjatament ghal dik il-Qorti. Missieru miet fid-19 ta' Marzu 1974 u dan, flimkien mal-kaz tieghu effettwatlu hazin sahtu u sahhet ommu peress li fil-familja tieghu qatt hadd ma kiser dufrejh mal-Ligi. Wara s-sentenza imsemmija tbieghed mill-kitba u attivita` politika partiggjana. Xehed li dahal fl-impieg fis-settur privat fis-sena 1988 u ma riedx jidhol f'polemici politici partiggjani minhabba l-impieg tieghu.

“Xehed li qatt ma basar li xoghol li kien iqies normali u pulit kien ser iwasslu fil-habs. Sofra trauma minhabba l-inkarcerazzjoni li ghalih "*kienet esperjenza verament kera u umiljanti u ma nista' qatt nnehhi minn quddiem ghajnejja ritratt tieghi fl-ewwel pagna tal-gurnal 'L-Orizzont' hiereg mill-bini tal-Qorti akkompanjat minn Marixxall tal-Qorti Illi din l-esperjenza halliet effetti psikologici u fizici fuqi ghal numru ta' snin bdejt inbati minn ghamla konsiderevoli ta' klawstrofobija."*

“Wara l-pubblikazzjoni, il-gazzetta *In-Niggieza* ma baqghetx tigi pubblikata.

"Xehed li ressaq talba ghall-kumpens *ex gratia* fis-sena 2012 mal-Ministru Dr Chris Said li kien il-Ministru tal-Gustizzja dak iz-zmien u dan b'ittra tal-24 ta' Dicembru 2012(**Dok D).** Sussegwentement wara laqa' mal-Ministru Said ressaq talba ghall-mahfra Presidenzjali.

"Wara l-elezzjoni generali ta' Marzu 2013 baghat *reminders* lill-amministrazzjoni l-gdida kif ukoll lill-Ufficcju tal-President ta' Malta. Fit-2 ta' Jannar 2014 rcieva risposta mill-Ufficcju tal-President fejn gie informat li t-talba tieghu giet milqugha "*fis-sens li jitnehha l-annotament ta' sejba ta' htija fic-certifikat tal-kondotta bhala sinjal ta' klemenza ."* Madanakollu qal li fis-sena 2013 kien skopra li s-sejba ta' htija kienet gja tnehhiet mill-kondotta tieghu.

"**In kontro-ezami**[1] qal li kien l-editur tal-gazzetta *In-Niggieza* fiz-zmien li nktieb l-editorjal in kwistjoni. Qal li ma kienx jaf dak iz-zmien li l-ligi tal-istampa kienet tipprovdi ghall-piena karcerarja f'kaz li editur jinstab hati ta' malafama jew kitba oxxena. Qal li qaghad fuq l-informazzjoni li rcieva minn aktar minn persuna wahda - qaghad fuq li qalulu ghaliex fdahom. Ma kienux xnieghat.

"Fil-process irtira l-allegazzjonijiet u ghamel apologija. Dan ghamlu ghaliex qaghad fuq ix-xhieda tal-Ministru - fuq il-kelma tieghu. "*Ma kellniex provi bizzejjed u ma stajtx inressaq provi izjed."* Qal li irrizultalu li l-allegazzjonijiet kienu foloz.

"Qal li dam is-snin qabel ma ressaq talba ghall-mahfra u ghall-kumpens ghaliex baqa' jibza jerga' iqajjem il-kaz u ma hassx li kellu jkompli jkabbar l-affari. Issa hass li ghandu iqajjem il-kaz tad-drittijiet tieghu ta' gurnalista. Iccara b'referenza ghall-para 16 tal-affidavit tieghu, li l-Avukat Generali ma tax parir lilu imma ta l-parir lill-Ministru tal-Gustizzja.

"Esebixxa kopji ta' zewg ittri, u cioe' **Dok JC4** (Fol 70) datata nhar is-7 ta' Awwissu 2012 indirizzata lill-On.Ministru tal-Gustizzja Chris Said fejn talab kumpens *ex gratia,* u **Dok. JC5** indirizzata lil E.T. il-President Dr George Abela datata nhar id-19 ta' Dicembru 2012 fejn talab mahfra Presidenzjali.

"**Doris Calleja,** mart ir-rikorrent, ukoll xehdet b'affidavit (fol 26) u qalet li wara li zzewgu u kellha l-ewwel tifla, sahansitra l-girien ma kienux ihallu lit-tfal taghhom jilghabu ma bintha ghaliex missierha kien wehel il habs. Inoltre ghal snin twal zewgha ma kienx irid li jzommu l-bieb tal-kamra fejn ikun maghluq ghaliex kien jiftakar iz-zmien meta kien ikun maghluq fic-cella.

"Xehed ukoll hu r-rikorrent **John P. Calleja** b'affidavit (fol 28) u qal li dejjem jitftakar lil huh jinteressa ruhu fil-gurnalizmu u fil-politika. Kien jghozz il-principji tal-liberta' u qatt ma stenna li minhabba il-politika u l-

[1] Seduta tas-7 ta' Lulju 2015 - fol 59 *et seq.*

gurnalizmu ser isib ruhu imsakkar f'cella. Dan kien xokk ghall-familja billi missierhom miet gimgha qabel fid-19 t' Marzu 1974. Hu u huthom l-ohra bezghu ghall-impieg li kellhom mal-Gvern u mal-parastatal. Huh inbidel wara l-esperjenza ta' habs u donnu dahal f'qoxortu fejn ma riedx jaf b'politika izjed. Ikkonferma wkoll li huh kien irid li l-bieb tal-kamra fejn ikun jinzamm miftuh. Qata' wkoll kull kitba politika partiggjana ghax kien jibza' li ser jerga' jittella' l-Qorti u jehel piena iktar harxa.

"Xehed **l-On. Chris Said**[2] li kien jokkupa l-kariga ta' Ministru tal-Gustizzja minn Jannar 2012 sat-8 ta' Marzu 2013. Kien iltaqa' mar-rikorrent li kien gie ikellmu dwar petizzjoni ghall-mahfra Presidenzjali li kellu pendenti. Tieghu kien kaz partikolari ghaliex kien jirrigwarda kaz li jmur lura hafna snin. Qal li l-petizzjoni giet michuda. Rigward kumpens sa fejn jiftakar kien hemm parir mill-Avukat Generali li r-rikorrent jinghata kumpens simboliku

"Xehed l-**Avukat Generali** b'affidavit (fol 56) u kkonferma li t-talbiet ghall-kumpens *ex gratia* u ghall-mahfra Presidenzjali gew ghall-konsiderazzjoni tieghu sabiex jinghata parir. Dawn saru madwar 38 sena wara li r-rikorrent skonta l-piena.

"Qal li t-talbiet ghal kumpens *ex gratia* lill-Gvern iridu jkunu ibbazati fuq danni mgarrba minhabba atti doluzi ta' terzi bhal ma huma reati ta' uzu ta' splussivi jew nar, id-danni rizultanti minn 'breakdown of law and order' u d-danni rizultanti lill-membri tal-forzi tal-ordni fl-ezekuzzjoni tad-dmirijiet taghhom. Ma jkunux necessarjament ibbazati fuq xi dritt kontra l-Gvern. "*Huma ma jestendux ghall-sitwazzjonijiet fejn ikun allegat illi sar xi zball fl-amministrazzjoni tal-gustizzja."* Rigward din it-talba l-Gvern informa lir-rikorrent li t-talba ma kienetx ser tigi milqugha ghaliex kienet taqa' barra mill-parametri tal-iskemi li jipprovdu ghal tali kumpens.

"Rigward it-talba ghall-mahfra Presidenzjali din inghatat mill-President billi s-sentenza ma tibqax tidher fuq il-kondotta u dan minghajr bl-ebda mod gie rikonoxxut jew accettat li s-sentenzi tal-qrati moghtija fiz-zmien rilevanti kienu zbaljati jew ingjusti. Il-mahfriet Presidenzali ma jimplikawx ammissjoni ta' nuqqas tal-Istat izda ikun hemm diversi ragunijiet, bhal per ezempju ragunijiet umanitarji, simbolici jew ta' klemenza li jistghu jiffurmaw il-bazi tal-ezercizzju tal-prerogattiva tal-mahfra.

"**L-Eccezzjonijiet Preliminari sollevati.**

"**I** *L-artikolu 10 tal-Konvenzjoni ma japplikax ghall-kaz odjern billi l-ilment tar-rikorrent skatta minn episodji li jmorru lura ghal perjodu ferm qabel l-adozzjoni tal-Konvenzjoni Ewropea ghad-Drittijiet tal-Bniedem fil-ligijiet nostrali fl-1987, u dan a tenur tal-Artikolu 7 tal-Kap 319 tal-Ligijiet ta' Malta.*

---

[2] Seduta tal-21 ta' April 2015 fol 49 *et.seq*.

“Ikkonsidrat li permezz tal-Kap. 319 fuq riferit gie stabbilit li d-Drittijiet tal-Bniedem u Libertajiet Fundamentali huma parti mill-Ligi ta’ Malta u ghandhom ghalhekk ikunu ezegwibbli lokalment, (ara artiklu 3 (1) tal-Kap 319);

“Illi izda skont l-**artikolu 7** tal-Kap 319, (id-disposizzjoni transitorja) :

“***27.*** *Ebda ksur tal-Artikoli 2 sa 18 (inklużi) tal-Konvenzjoni jew tal-Artikoli 1 sa 3 (inklużi) tal-Ewwel Protokoll li jsir qabel it-30 ta’ April 1987 jew tal-Artikoli 1 sa 4 (inklużi) tar-Raba’ Protokoll, l-Artikoli 1 u 2 tas-Sitt Protokoll jew tal-Artikoli 1 sa 5 (inklużi) tas-Seba’ Protokoll li jsir qabel l-1 ta’ April 2002, ma għandu jagħti lok għal xi azzjoni taħt l-artikolu 4."*

“Ir-rikorrent jissottometti li t-talba odjerna hija ppernjata wkoll fuq l-artikolu 41 tal-Kostituzzjoni. Iz-zewg disposizzjonijiet huma analogi u l-Qrati taghna, anke qabel ma dahal fis-sehh l-Att dwar il-Konvenzjoni Ewropea, kienu ispirati mill-principji enuncjati mill-Qorti Ewropea f'Strasbourg.

“Illi din il-Qorti taqbel ma’ din is-sottomissjoni diment li ma jkunx hemm konflitt mal-**artikolu 41 tal-Kostituzzjoni.** *Del resto* izda, din il-qorti hija effettivament prekluza 'ex lege' milli tapplika l-artikolu 10 tal-Konvenzjoni ghall-kaz in ezami direttament billi l-perjodu temporali mertu ta' din il-kawza sehh abbundantement qabel il-perjodu operattiv statutorjament impost tat-30 t’April, 1987

“Illi kif ritenut fil-kawza “**Mario Galea Testaferrata proprio et vs Il-Prim Ministru**” (P.A. (RCP) 3 ta’ Ottubru 2003, jidher li tali artikolu huwa ta’ ostakolu ghall-allegazzjonijiet ta’ ksur ta’ drittijiet fundamentali tal-bniedem meta dawn huma marbuta ma’ avvenimenti li sehhew qabel is-sena 1987, u la darba f’din il-kawza il-fatti lanjati sehhew qabel din id-data, mela allura l-artikolu 10 tal-Konvenzjoni mhuwiex applikabbli.

“Konsegwentement tilqa' l-ewwel eccezzjoni sollevata. Madanakollu xejn m'ghandu jipprekludi lil din il-Qorti milli taghmel riferenza ghall-gurisprudenza tal-Qorti Ewropea fil-materja tal-liberta' tal-espressjoni u tiehu ispirazzjoni minn dik il-gurisprudenza, sa fejn dan hu kompatibbli mal-Kostituzzjoni taghna. Malta taghmel parti minn Ewropa demokratika u nhaddnu, u dejjem tajna rikonoxximent ghall-istess principji fondamentali fis-sistema guridika taghna.

“**II Ir-rikorrent kellu rimedji ordinarji effikaci u effettivi disponibbli ghalih "*sa fejn qed jaghmel allegazzjonijiet li l-prigunerija kkawzatlu danni fizici."***

“Illi b’din l-eccezzjoni l-intimat qed jistieden lil din il-Qorti biex tiddeklina milli tezercita l-gurisdizzjoni kostituzzjonali taghha a **tenur tal-Artikolu**

**4(2) tal-Kap 319 u tal-artikolu 46(2) tal-Kostituzzjoni ta' Malta.**

"Illi din l-eccezzjoni tesprimi s-salvagwardja procedurali li qabel ma wiehed jintavola kawza kostituzzjonali ghandu jezawrixxi kull rimedju civili possibbli u intiz biex jirregolarizza l-azzjonijiet in mertu li jhalli r-rimedju kostituzzjonali ghal dawk il-kawzi verament meritevoli ta' din il-procedura specjali.

"Illi relevanti ghall-kaz odjern hija s-sentenza "**Tonio Vella vs Kummissarju tal-Pulizija et**" (Q.K. – 5 ta' April 1991). L-ewwel Qorti fis-sentenza taghha kienet sostniet li minn ezami akkurat tas-subinciz (1) u (2) ta' l-Artikolu 46 (dak iz-zmien 47) jidher car li l-legislatur Malti ma riedx li jistabbilixxi bhala principju assolut fil-ligi Kostituzzjonali taghna li qabel ma persuna tadixxi lil din il-Qorti fil-gurisdizzjoni Kostituzzjonali taghha, ghandha dejjem u tassattivament tezawrixxi r-rimedji kollha disponibbli taht il-ligi ordinarja, inkluzi dawk ir-rimedji li ma jkunux ragonevolment mistennija li jipprovdu rimedju effettiv. Il-Qorti ghandha diskrezzjoni wiesgha hafna dwar l-ezercizzju *o meno* tal-gurisdizzjoni Kostituzzjonali taghha. Ovvjament, tali diskrezzjoni ghandha tintuza gustament u ragonevolment.

"Illi hija l-parti li qed tallega li ma gewx ezawriti r-rimedji ordinarji li jistghu jkunu disponibbli ghaliha li ghandha l-oneru li tissodisfa lill-qorti li r-rimedju indirizzat kien wiehed effettiv kemm fit-teorija kif ukoll fil-prattika. L-intimat issottometta li f'dan il-kaz ir-rikorrent ghandu disponibbli ghalih kawza ghad-danni jekk deherlu li gie imharrek kriminalment b'mod vessatorju jew li l-proceduri kriminali fil-konfront tieghu saru abbuzivament.

"Illi izda, l-Qorti hi tal-fehma li r-rikorrent mhuwiex qed jallega hekk. It-talba odjerna hija mmirata ghall-dikjarazzjoni li proceduri kriminali li ttiehdu kontrih u l-piena karcerarja li kien assoggetat ghaliha lledew id-dritt tieghu ghal-liberta' tal-espressjoni. Mhuwiex qed jigi sottomess li s-sentenzi, jew anke l-prosekuzzjoni tal-offizi, kienu zbaljati fis-sens li applikaw il-ligi skorettament, illegalment jew b'mod abbuziv u vessatorju. Anzi r-rikorrent apologizza ghall-akkadut quddiem il-Qorti tal-Magistrati.

"Il-qofol tal-kwistjoni fil-kaz tallum hija li l-penalizzazzjoni ta' malafama kompjuta minn gurnalist u l-piena ta' prigunerija inflitta fuqu. Ikkonsidrat li l-Istat jitqies responsabbli ghad-danni inflitti fuq ic-cittadin jekk jagixxi abbuzivament jew illegalment. Fil-kaz in disamina l-abbuz jew l-illegalita` li qed jallega r-rikorrent huwa marbut ma' lezjoni ta' dritt kostituzzjonali u mhux dritt ordinarju.

"Illi inoltre, aparti d-dikjarazzjoni ta' lezjoni, r-rikorrent qed jitlob kumpens xieraq. Huwa minnu li r-rimedji civili involuti jinkludu dawk indirizzati fl-artiklu 1031 – 1033 u 1045 – 1046 tal-Kodici Civili, Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta. (Ara ad. **es Brincat and Others vs Malta**, **EctHR -** 24 ta' Lulju, 2014). Ir-rimedju civili postulat jirrigwarda biss il-kumpens

pekunjarju naxxenti mid-*damnum emergens* u mil-*lucrum cessans*, u kumpens ghad-dannu mhux pekunjarju mhux konsidrat – ghalkemm recentement kien hemm pronunzjament f'dan is-sens minn din il-Qorti kif diversament presjeduta (ara **Dottor Joseph Pace et vs Onorevoli Prim Ministru et,** datata l-1 ta' Gunju, 2012, u **Lucienne Cassar vs Dragonara Casino Limited** datata d-19 ta' Gunju, 2012);

"Kif gie ritenut mill-Qorti Kostituzzjonali fil-kaz **Buttigieg v. Ministru ghall-Izvilupp tal-Infrastruttura et**,[3] osservat li rimedju ordinarju ghad-danni ma jeskludix, f'kazi kongruwi, talba ghal rimedju kostituzzjonali. Fil-fatt, filwaqt li, fis-sistema taghna, il-qrati ordinarji ma jistghux jaghtu kumpens morali jew *for pain and suffering,* kumpens simili jista' jinghata minn din il-Qorti. Fil-kawza, **Vella v. Kummissarju tal-Pulizija et** deciza mill-Qorti Kostituzzjonali fil-5 ta' April 1991, intqal li l-kumpens li ghandha taghti din il-Qorti ghandu jirrifletti l-gravita` tal-lezjoni u tal-oltragg fiziku u morali li jkun gie kawzat lill-persuna tal-individwu. Kompla jinghad f'din il-kawza li l-kumpens:

> "*Kellu wkoll jirrispondi ghas-sens ta' disturb socjali li kull vjolazzjoni tal-jeddijiet fundamentali, anke jekk naturalment fi gradi differenti skont il-kaz, kien necessarjament jipprovoka u f'dan is-sens il-kumpens likwidat arbitrio boni viri mill-Qorti kellu wkoll iservi ta' deterrent u piena ghal min jikkometti l-vjolazzjoni u sodisfazzjon gust ghall-vittma."*

"Inoltre l-Prim' Awla tal-Qorti Civili (Sede Kostituzzjonali) fil-kawza **Busuttil v. Avukat Generali**, deciza fit-3 ta' Ottubru 2003, citata b'approvazzjoni mill-Qorti Kostituzzjonali fil-kaz **Anthony Mifsud vs Superintendent Carmelo Bonello *et*** dec.fit-18 ta' Settembru 2009, osservat *inter alia* hekk: *"Meta jkun hemm rimedju alternattiv li jkun cert, xieraq, adegwat u effettiv, allura, per regola l-Qorti ghandha tiddeklina li tezercita` l-gurisdizzjoni taghha; ammenoche' ma jkunux jezistu cirkostanzi tali li minhabba l-gravita` taghhom jimmilitaw favur l-ezercizzju ta' dik il-gurisdizzjoni, bhal per ezempju, f'kaz fejn l-allegat ksur tad-dritt fundamentali tar-rikorrent ikun wassal ghall-privazzjoni mil-liberta' tieghu." (Sottolinear ta' din il-Qorti).*

"Dan kollu premess, din il-Qorti hi tal-fehma li ma jistax jinghad li l-ezistenza ta' rimedju ordinarju ghad-danni fizici, f'dan il-kaz, jeskludi r-rimedju kostituzzjonali. Kif qalet din il-Qorti fil-kaz ta' **Vella** fuq citat, "*Illi meta jinghad li jkun hemm rimedju iehor xieraq, dejjem ikun qieghed jitfisser li tali rimedju jrid jitqies fid-dawl tal-ksur tal-jedd fundamentali li jkun qed jigi allegat li nkiser jew li jkun mhedded li sejjer jinkiser: ghandu jkun rimedju accessibbli, xieraq, effettiv u adegwat biex jindirizza l-ksur jew theddid ta' ksur lamentat."*

"Illi abbazi tal-allegazzjonijiet tar-rikorrent (jekk jinstab li fil-mertu ghandu ragun) certament ir-rimedju ordinarju li tipprovdi l-ligi ordinarja ma jistax jigi kkunsidrat bhala rimedju xieraq u adegwat. Konsegwentement tirrespingi din l-eccezzjoni preliminari sollevata mill-

[3] Deciza fil-31 ta' Lulju 1996

intimati.

“**III** Din l-eccezzjoni giet sorvolata in kwantu li l-atti tal-proceduri kriminali gew allegati mal-atti tal-kawza odjerna.

“**IV L-Allegazzjonijiet huma frivoli u vessatorji.**

“Testwalment l-intimat eccepixxa li *"l-allegazzjonijiet tar-rikorrent dwar ksur ta' drittijiet fundamentali huma frivoli u vessatorji u qed isiru b’abbuz tal-process gudizzjarju in kwantu qed jitressqu ghall-ewwel darba proprju issa, u cioe’ erbghin sena wara li gew konkluzi l-proceduri kriminali in dezamina.*"

“Gie ribadit mill-Qorti Kostituzzjonali fil-kaz **Alan Mifsud v Avukat Generali et.,** (dec.fit-23 ta' Novembru 1990) riferibbilment ghall-kliem fil-kuntest tal-procedura ta' referenza kostituzzjonali li "*Il-qorti tifhem illi 'frivola' riferibbilment ghall-kwistjoni Kostituzzjonali li tigi sollevata quddiem xi qorti - barra l-Qorti Kostituzzjonali jew il-Prim'Awla tal-Qorti Civili - tfisser li dik il-kwistjoni hija, ta' ebda pregju jew valur, vana, nieqsa mis-serjeta', manifestament nieqsa mis-sens, li ma jisthoqqilhiex attenzjoni' waqt li 'vessatorja' tfisser li l-kwistjoni giet sollevata minghajr ragunijiet sufficjenti u bl-iskop li ddejjaq u tirrita lill-kontroparti."*

“L-intimat isostni din l-eccezzjoni billi jissottometti li r-rikorrent kellu kull opportunita` jekk ried, li jintavola l-kawza odjerna snin ilu. Il-Qorti Kostituzzjonali ilha li giet kostitwita u l-allegazzjoni tar-rikorrent li baqa' passiv minhabba s-sitwazzjoni politika fil-pajjiz m'ghandha l-ebda fondament fattwali.

“Dan l-ahhar punt, din il-Qorti taqbel mal-intimat. Jista' jkun li ippercepixxa li s-sitwazzjoni politika setghet timmilita kontrih izda s-sitwazzjoni ma kienetx tali li setghet kienet ta' impediment biex ifittex gustizzja mill-Qrati taghna. Ir-rikorrent isemmi l-perjodu tas-sospensjoni tal-funzjonament tal-Qorti Kostituzzjonali, izda din il-Qorti giet ristabbilita u ma kien hemm xejn xi jzommu milli jirrikorri ghar-rimedji xierqa kif fil-fatt irrikorrew bosta cittadini ohra fiz-zminijiet kontestwali ghal dan il-kaz.

“Ir-rikorrent da parti tieghu jispjega d-dewmien billi jghid li sofra trawma minhabba l-piena karcerarja u l-mewt konkomitanti ta' missieru. Din it-trawma kienet tali li ma kienx ikun irid li jinghalqu il-bieb tal-kamra fejn kien ikun peress li kien jiftakar iz-zmien li ghadda fic-cella tieghu. Din l-esperjenza kienet kerha ghalih u ghall-familja tant li halla l-kitba politika. Jallega wkoll li kien hemm weghdiet da parti tal-awtoritajiet izda dwar dan l-ahhar punt, din il-Qorti taqbel mal-intimat li ma jirrizultax li l-awtoritajiet weghduh xi kumpens jew rimedju partikolari. F'kull kaz, it-talbiet ghall-kumpens *ex gratia* u ghall-mahfra Presidenzjali rispettivament saru fis-sena 2012, wara t-trapass ta' ghexierien ta' snin.

“Ikkonsidrat izda li t-trapass tas-snin *ut sic* mhuwiex raguni sabiex din l-

eccezzjoni tista' tigi milqugha. Ma hemmx preskrizzjoni ghal-lezjoni ta' drittijiet u libertajiet fondamentali.

“Il-Qorti Ewropea kellha okkazzjoni li tippronunzja ruhha dwar l-effett tat-trapass tas-snin **fil-kaz Montanaro Gauci and others v Malta**[4]

> *“1. The Court also takes issue with the fact that in line with domestic case-law, such compensation awards are reduced on the grounds that the applicants have instituted constitutional redress proceedings several years after they started suffering the violation complained of. In this connection, the Court notes, first and foremost, that domestic law does not impose a time-limit for the institution of constitutional redress proceedings. The legislator leaves the choice of timing to the applicant. Moreover, in circumstances such as those of the present case, the violation complained of is a continuing one. The Court thus finds that such reasoning is questionable in the light of the circumstances of the case and the domestic legal framework, which appears to give great latitude to individuals seeking redress for human rights violations."*

“Kif gja rilevat, il-Qorti Ewropea qed tevalwa l-argument fil-kuntest tal-*quantum* ta' kumpens aggudikat tenut kont it-trapass tas-snin mill-allegat vjolazzjoni ta' dritt. Madanakollu l-argument huwa daqstant validu in kwantu li ma jhallix dubbju li "*the timing is left to the applicant."*

“**Fil-kaz odjern il-Qorti tikkonsidra wkoll li r-rikorrent baqa' jissubbixxi l-effetti negattivi tal-piena inflitta meta l-htija tieghu kienet essenzjalment marbuta ma xogholu ta' gurnalist. Dan proprju jfisser li ghadda minn dak li jissejjah *the chilling effect* li ser jigi trattat iktar ‘il quddiem**.

“Din il-qorti ma tistax tikkondividi t-tezi avvanzata mill-intimat li l-ligi ma tipprotegix lil dawk li jibqghu passivi meta *si tratta* ta' lezjoni ta' drittijiet fondamentali. Aparti l-konsiderazzjoni li l-legislatur huwa sieket fuq dan il-punt (*ubi lex voluit dixit)* din il-Qorti hi tal-fehma li jinkombi fuq l-Istat sabiex jassigura li vjolazzjonijiet jigu rimedjati u mhux jistenna li jigi ccitat in gudizzju. Isegwi li r-rikorrent m'ghandux jigi penalizzat talli dam biex iressaq l-ilment tieghu.

“Ghaldaqstant din l-eccezzjoni qed tigi ukoll respinta.

“**Konsiderazzjonijiet fil-Mertu**

“Illi dan hu kaz ta' gurnalist li gie ikundannat ghall-perjodu ta' prigunerija wara li gie misjub hati ta' libell permezz ta' artiklu stampat li gie meqjus li kien malafamanti fil-konfront ta' bniedem politiku - Ministru tal-Istat - u li offenda il-moralita` pubblika u l-pudur.

[4] Dec. 30 ta' Awwissu 2016 (*Application no. 31454/12)*

"Mill-ezami tal-atti, sottomissjonijiet u trattazzjoni jirrizulta manifest li l-qofol kollu f'din il-vertenza hija l-piena karcerarja inflitta fuq ir-rikorrent anke b'riferenza ghall-*chilling effect*, li ser jigi trattat aktar il-quddiem, li jista' jirrendi piena simili eccessiva meta imposta fuq gurnalist fil-qadi ta' dmirijietu. Difatti r-rikorrent mhuwiex qed jitlob li l-artikoli rilevanti tal-Kap 248 jigu dikjarati lezivi tal-Kostituzzjoni ta' Malta jew tal-Konvenzjoni.

"Illi din il-Qorti minnufih tissenjala l-importanza tal-medja bhala wiehed mill-pilastri fondamentali li fuqu hija mibnija d-demokrazija kif nafuha. Kif gie dikjarat fis-sentenza tal-Qorti Ewropea fl-ismijiet "**The Sunday Times -vs- The U.K**." fis-26 ta' April, 1979, the press *"plays its vital role of public watchdog and to impart information and ideas on matters of public interest"*.

"Fil-kawza deciza mill-Grand Chamber tal-Qorti Ewropea ghad-Drittijiet tal-Bniedem fl-ismijet **Axel Springer AG vs Germany**[5], intqal is-segwenti:

> *"78. Freedom of expression constitutes one of the essential foundations of a democratic society and one of the basic conditions for its progress and for each individual's self-fulfillment. Subject to paragraph 2 of Article 10, it is applicable not only to "information" or "ideas" that are favorably received or regarded as inoffensive or as a matter of indifference, but also to those that offend, shock or disturb. Such are the demands of pluralism, tolerance and broadmindedness without which there is no "democratic society". As set forth in Article 10, freedom of expression is subject to exceptions, which must, however, be construed strictly, and the need for any restrictions must be established convincingly.*
>
> "*79. The Court has also repeatedly emphasized the essential role played by the press in a democratic society. Although the press must not overstep certain bounds, regarding in particular protection of the reputation and rights of others, its duty is nevertheless to impart – in a manner consistent with its obligations and responsibilities – information and ideas on all matters of public interest. Not only does the press have the task of imparting such information and ideas; the public also has a right to receive them. Were it otherwise, the press would be unable to play its vital role of "public watchdog"*

"L-istess Qorti tkompli tghid:

> *"81. Journalistic freedom also covers possible recourse to a degree of exaggeration, or even provocation (see **Pedersen and Baadsgaard**, cited above, § 71). Furthermore, it is not for the Court, any more than it is for the national courts, to substitute its own views for those of the press as to what techniques of reporting should be adopted in a particular case."*

[5] Deciza fis-7 ta' Frar 2012

"Il-Qrati taghna ihaddnu l-istess principji rigwardanti r-rwol tal-istampa f'demokrazija reali u effettiva u dan ifisser ukoll li gurnalist ghandu jkun fil-liberta' li jezercita` l-professjoni tieghu, bla xkiel u interferenzi sabiex ikun jista' jiddissemina informazzjoni, analizi jew kritika lis-socjeta' li ghandha d-dritt ghal din l-informazzjoni, analizi u kritika. Madanakollu kif ser jinghad 'il quddiem, huwa pacifiku fil-Qrati taghna u fil-gurisprudenza tal-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem li din il-liberta' mhix assoluta.

"**Konsiderazzjoni ta' Dritt**

"Dan premess il-Qorti ser tezamina l-**artikolu 41 tal-Kostituzzjoni** kif applikat ghall-kaz odjern anke fid-dawl tal-gurisprudenza tal-Qorti Ewropea li ispirat il-Qrati taghna fl-assenza ta' konflitt mal-Kostituzzjoni.

"L-**Artiklu 41 tal-Kostituzzjoni** jiddisponi testwalment:

> *"41(1) Hlief bil-kunsens tieghu stess jew bhala dixxiplina tal-ġenituri, hadd ma ghandu jiġi mfixkel fit-tgawdija tal-libertà tieghu ta' espressjoni, maghduda libertà li jkollu fehmiet minghajr indhil, libertà li jirċievi idejiet u taghrif minghajr indhil, libertà li jikkomunika idejiet u taghrif minghajr indhil (kemm jekk il-komunikazzjoni tkun lill-pubbliku in ġenerali jew lil xi persuna jew klassi ta' persuni) u libertà minn indhil dwar il-korrispondenza tieghu.*
>
> *(2) Ebda haġa li hemm fi jew maghmula skont l-awtorità ta' xi liġi ma ghandha titqies li tkun inkonsistenti ma' jew bi ksur tas-subartikolu (1) ta' dan l-artikolu safejn dik il-liġi taghmel provvediment -*
>
> *(a) li jkun mehtieġ raġonevolment –*
>
> *(i) fl-interess tad-difiża, sigurtà pubblika, ordni pubbliku, moralità jew deċenza pubblika, jew sahha pubblika; jew*
> *(ii) sabiex jiġu protetti r-reputazzjonijiet, drittijiet u libertajiet ta' persuni ohra, jew il-hajja privata ta' persuni li jkollhom x'jaqsmu ma' proċeduri legali, u hlief safejn dak il-provvediment jew, skont il-każ, il-haġa maghmula skont l-awtorità tieghu tiġi murija li ma tkunx raġonevolment ġustifikabbli f'socjeta` demokratika ."*[6]

[6] L-artikolu 10 tal-Konvenzjoni jiddisponi:
*2 (1) Kulħadd għandu d-dritt għal-libertà ta' espressjoni. Dan id-dritt jinkludi l-libertà li jkollu opinjonijiet u li jirċievi u jagħti informazzjoni u ideat mingħajr indħil mill-awtorità pubblika u mingħajr ma jittieħed kont ta' fruntieri. Dan l-Artikolu ma għandux jimpedixxi Stati milli jeħtieġu liċenzi għax-xandir, televiżjoni jew impriżi ċinematografiċi.*
*(2) L-eżerċizzju ta' dawn il-libertajiet, billi jġib miegħu dmirijiet u responsabbiltajiet, jista' jkun suġġett għal dawk il-formalitajiet, kundizzjonijiet, restrizzjonijiet jew penali kif preskritti b'liġi u li jkunu meħtieġa f'soċjetà demokratika, fl-interessi tas-sigurtà nazzjonali, integrità territorjali jew sigurtà pubblika, biex jiġi evitat id-diżordni jew l-għemil ta' delitti, għall-protezzjoni tas-saħħa jew tal-morali, għall-protezzjoni tar-reputazzjoni jew drittijiet ta' ħaddieħor, biex jiġi evitat il-kxif ta'informazzjoni riċevuta b'sigriet, jew biex tiġi miżmuma l-awtorità u l-imparzjalità*

"(3),(4) u (5) - omissis.

"Illi wara li, fis-subartiklu 41(1), jinsab enuncjat l-principju fondamentali li kulhadd ghandu d-dritt ghal-liberta' tal-espressjoni, billi hu rikonoxxut li l-ezercizzju ta' dan id-dritt igib mieghu certu obbligi u responsabbilitajiet, fis-subartiklu 41(2) insibu lista ta' restrizzjonijiet accettabbli ghat- tgawdija ta' dan id-dritt u cioe':-.

"Ebda haga li tkun maghmula skont l-awtorita` ta' xi ligi ma ghandha titqies li tkun inkonsistenti mal-liberta' ta' espressjoni garantita mill-istess artikolu "*sa fejn dik il-ligi taghmel provvediment li jkun mehtieg ragonevolment fl-interess ta'  -omissis-*

> *"moralita` jew decenza pubblika"* **art.41(2)(a)(i);**
>
> *jew*
>
> *sabiex jiġu protetti r-reputazzjonijiet, drittijiet u libertajiet ta' persuni ohra, jew il-hajja privata ta' persuni li jkollhom x'jaqsmu ma' proċeduri legali*" **art.41(2)(a)(ii);**
>
> u sakemm *"dak il-provvediment jew, skont il-każ, il-haġa maghmula skont l-awtorità tieghu tiġi murija li ma tkunx raġonevolment ġustifikabbli f'socjeta` demokratika."*

"Fil-prattika, il-liberta' tal-espressjoni ta' sikwit tigi kontro-bilancjata ma' libertajiet u drittijiet fondamentali ohra, ad ezempju, ghall-privatezza u ghar-reputazzjoni tal-individwu (**artiklu 8 tal-Konvenzjoni Ewropea).**

"Madanakollu  huwa importanti li jigi senjalat li mhux kull azzjoni li timpingi fuq il-limitazzjonijiet imsemmija ghandha necessarjament tigbed is-sanzjonijiet tal-ligi.  Il-limitazzjonijiet imfissra fl-artikolu 41 tal-Kostituzzjoni, bhal fl-artikolu 10(2) tal-Konvenzjoni, mhumiex intizi biex joholqu gerarkija ta' drittijiet li tirrelega d-dritt ghall-espressjoni hielsa ghall-ahhar post.

"F'dan il-kuntest, l-artiklu 41 tal-Kostituzzjoni, bhall-artiklu 10 tal-Konvenzjoni fl-assjem tieghu, jistabbilixxi, l-linji gwida jew kriterji sabiex jinholoq bilanc bejn id-dritt ta' espressjoni hielsa moghti lill-medja (u lill-gurnalisti) minn naha l-wahda, u, min-naha l-ohra, id-drittijiet u interessi ta' l-Istat, kif ukoll tal-persuna li hija s-suggett ta' rapportagg, li tiddefendi l-privatezza, l-isem u r-reputazzjoni taghha.

"**Liberta' tal-Istampa**

Illi fil-qasam ta' komunikazzjoni bil-meżżi tal-istampa, imbagħad, l-indħil li l-jedd tal-espressjoni ħielsa jirreferi għalih jista' jkun indħil minn awtorita` pubblika wara li jkun sar l-eżercizzju ta' dak il-jedd.  Dan jigri

---

*tal-ġudikatura.*

fil-każ ta' procedimenti kriminali għall-malafama, bhal ma hu l-kaz odjern, jew proceduri ta' disprezz[7] jew inkella għall-procedimenti ta' għamla civili f'libell: f'din l-aħħar cirkostanza, kundanni qawwija jew mhux mistennija ta' kumpens għad-danni f'libelli famużi minħabba pubblikazzjonijiet tqiesu bħala ksur tal-jedd tal-espressjoni[8]. Fi kliem ieħor, huwa ndħil li jnissel il-biżgħa f'li wieħed jeżercita l-jedd tal-espressjoni ħielsa għaliex iżomm quddiem għajnejh il-konsegwenzi li x'aktarx igarrab jekk jagħmel dan ("*chilling effect*"[9]). B'riferenza għal dan il-fenomenu limitattiv, ingħad li "*this effect, which works to the detriment of society as a whole, is likewise a factor which goes to the proportionality of, and thus the justification for, the sanctions imposed* [10].

"Illi kif gie ribadit mill-Qorti tal-Appell fil-kaz **Vincent Borg v Victor Camilleri et.,**deciz fil-15 ta' Novembru 1992, :-

> "6.2. *Illi l-Qorti tissottoskrivi l-hsieb li l-liberta' tal-istampa ghadha dejjem tigi salvagwardata billi hija wahda mill-ingredjenti fondamentali ta' kull socjeta' demokratika;*
>
> *6.3. Illi l-Qorti tissottoskrivi ukoll il-hsieb li r-restrizzjonijiet li taghmel il-Ligi tal-Istampa (Kap 248) ghandhom jigu interpretati fid-dawl tal-artikolu 41 tal-Kostituzzjoni ta' Malta kif ukoll fl-isfond ta' l-artikolu 10 tal-Konvenzjoni Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem, kif dan jigi interpretat fil-gurisprudenza tal-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Umani. Dana l-izvilupp fis-sistema legali taghna huwa zvilupp sinifikanti hafna ghall-pajjizna billi ma jistax ma jkollux l-effett li jwessa d-dritt ta' espressjoni. Madanakollu b'dan l-izvilupp essenzjali l-istampa ma inghatatx xi passaport ta' immunita` billi tibqa' dejjem il-htiega li tinzamm sens ta' proporzjon bejn il-liberta' tal-espressjoni u c-censura tal-malafama. Dejjem jinhtieg li jinzamm bilanc bejn il-bzonn li f'socjeta' demokratika jithalla spazju sufficjenti ghal-liberta' li wiehed jikkritika u jissemma l-opinjoni u l-gudizzju tieghu, mal-bzonn l-iehor, xejn anqas mehtieg, tad-difiza tar-reputazzjoni, l-unur u l-isem tajjeb li kull persuna f'socjeta' demokratika ghandha d-dritt li tgawdi."*

"Illi huwa pacifiku li d-dritt protett bl**-artikolu 41 tal-Kostituzzjoni** u **l-artikolu 10 tal-Konvenzjoni** fit-termini tieghu mhuwiex wiehed assolut izda arginat bir- responsabbilitajiet u restrizzjonijiet purke' li huma "*raġonevolment ġustifikabbli*" (l-art.41) jew "*mehtiega*" jew "*necessary in a democratic society*" (art.10) - dak li l-gurisprudenza ta' Strasbourg komunement issejhilha "*a pressing social need"* ghall-protezzjoni ta' drittijiet u nteressi ohrajn hemm imfissra. Anzi l-awturi Harris, O'Boyle & Warbrick jitkellmu dwar "*imperative necessities*" bhala l-kejl li jista' jiggustifika l-interferenza tal-Istat fl-ezercizzju tal-

---

[7] ECHR fil-kawża **The Sunday Times vs U.K**. (Applik. Nru. 6538/74), par. 54-7

[8] Ara, per eżempju, ECHR 13.7.1995 fil-kawża **Tolstoy Miloslavsky vs U.K.** (Applik. Nru. 18139/91), par. 35 sa 49

[9] 139/91), par. 35 sa 49 28 Cfr. **Derbyshire County Council vs Times Newspapers Ltd.** (1993) A.C. 534

[10] ECHR 24.4.2007 fil-kawża fl-ismijiet **Lombardo and others vs Malta** (Applik. Nru. 7333/06), par. 61

liberta' tal-espressjoni.[11]

"Illi minn qari ta' dan l-artikolu jsegwi li din il-qorti ghandha tapplika s-segwenti kriterji sabiex tasal ghad-decizjoni taghha:

"1. Jekk kienx hemm interferenza fid-dritt pretiz.

"2. Jekk l-interferenza temani mill-ligi jew saret in forza ta' xi ligi.

"3. Jekk l-interferenza hija gustifikabbli skont wiehed jew aktar mill-ghanijiet legittimi (*legitimate aims)* imfissra fis-subartiklu 41(2) tal-Kostituzzjoni.

"4. Jekk l-interferenza kienet ragjonevolment gustifikabbli f'socjeta' demokratika kif ukoll proporzjonali fl-applikazzjoni taghha kontra r-rikorrent, tenut kont il-margni tal-apprezzament tal-Istat.

"**Applikati dawn il-Kriterji ghall-kaz odjern** din il-qorti m'ghandha l-ebda diffikolta li ssib li kien hemm interferenza fil-liberta' tal-espressjoni tar-rikorrent permezz tal-proceduri kriminali u tas-sussegwenti kundanna tieghu.

"Illi kif gie ritenut mill-Qorti Ewropea in materja, "It *follows that the meaning of 'interference' within Art. 10 will be widely construed. It will include any measure in the law of defamation that has the direct or indirect effect of interfering with freedom of expression. Such interference will ħave to be demonstrated as necessary under Art. 10(2) As is apparent from Art. 10, restrictions on freedom of expression are legitimate, in principle, in order to protect reputation. The fundamental question is the extent of such restrictions*" ;[12]

"It-tieni kriterju huwa wkoll soddisfatt ampjament billi l-Qorti applikat l-artikli relattivi tal-Att dwar l-Istampa (illum Kap 248 tal-Ligijiet ta' Malta) li jikkontemplaw ukoll piena ta' habs u agixxiet *entro* l-limiti tad-diskrezzjoni taghha fl-imposizzjoni tal-piena. Il-kwalita` tal-ligijiet imsemmija mhix in diskussjoni billi d-disposizzjonijiet legali kienu accessibbli u l-konsegwenzi kienu preveddibbli ghal kulhadd. Ir-rikorrent, kontrarjament ghal dak li xehed, difficli ma setax ma jkunx jaf x'kienu s-sanzjonijiet applikabbli fil-ligi Maltija ghal min jinsab hati ta' malafama jew ksur tal-moralita` pubblika.

"It-**tielet kriterju** huwa wkoll soddisfatt billi l-interferenza saret "*fl-interess .tal-moralità jew deċenza pubblika, u sabiex jiġu protetti r-reputazzjonijiet, drittijiet u libertajiet ta' persuni ohra ."* li huma uhud mill-ghanijiet legittimi stipulati fl-artikolu 41 tal-Kostituzzjoni.

"Illi jenhtieg issa li l-Qorti tezamina l-kaz fid-dawl **tar-raba' kriterju** u

[11] *Law of the European Convention on Human Rights -3rd eduition;* pp 613
[12] Price & Duodu *Defamation: Law, Procedure & Practice* (3rd Edit., 2004), par 38-04 – 38- 05, pp 454-5

cioe' jekk l-interferenza kienet ragjonevolment gustifikabbli f'socjeta' demokratika kif ukoll proporzjonali fl-applikazzjoni taghha kontra r-rikorrent, tenut kont il-margni tal-apprezzament tal-Istat.

"**Illi r-rikorrent qed jitlob dikjarazzjoni li l-proceduri penali nfushom kienu lezivi tad-dritt tieghu.**

"**Dwar dan il-punt il-Qorti Ewropea fil-kaz fl-ismijiet Castells v Spain** [13] irriteniet li *" Nevertheless it remains open to the competent State authorities to adopt, in their capacity as guarantors of public order, measures, even of a criminal law nature, intended to react appropriately and without excess to defamatory accusations devoid of foundation or formulated in bad faith."* (sottolinear ta' din il-Qorti).

"Illi ingiebu zewg akkuzi kontra r-rikorrent - malafama kontra persuna fil-hajja politika u offiza tal-moralita` pubbblika u l-pudur. Ghal dak li jirrigwarda l-akkuza ta' malafama, hija difficli ghal din il-Qorti li taccetta li proceduri u sanzjonijiet penali huma mizuri proporzjonali kontra l-azzjoni ta' gurnalist fil-qadi tar-responsabbilitajiet tieghu. Sanzjonijiet penali huma riflessi fil-kondotta tal-akkuzat f'kaz ta' htija billi kemm l-artikolu 7 kif ukoll l-artikolu 11 tal-Kap 248 jistipulaw piena kriminali. Inoltre kif jirrizulta mill-esperjenza tar-rikorrent, meta gurnalist jigi sottomess ghall-procedura penali, li effettivament jfisser li r-Repubblika ta' Malta qed tmexxi proceduri kontrih, ikun qed jissubixxi esperjenza umiljanti li difficli li ma tkunx ta' deterrent ghalih fil-kontinwazzjoni ta' xogholu ta' gurnalist.

"**Ghalhekk fil-kaz odjern, il-qorti hija tal-fehma li l-interferenza mill-Istat *tramite* l-proceduri penali li ttiehdu kontra l-intimat ghall-malafama gurnalistika kienu lezivi tad-dritt tieghu ta' liberta' tal-espressjoni.**

"Illi riferibbilment ghall-akkuza ta' ksur ta' moralita` u pudur, tali akkuza u s-sejba ta' htija certament jirriflettu l-kuntest socjali fiz-zmien in kwistjoni. Din il-Qorti tqies li l-protezzjoni li ghandha tigi zgurata lill-gurnalisti salv fl-eccezzjonijiet estremi li ser jigu trattati l-quddiem, ghandu jinfirex ukoll ghall-kejl ta' censura morali. Altrimenti l-biza ta' sanzjonijiet kriminali tibqa' dejjem, jekk mhux taht il-kappa ta' akkuza ta' malafama, tibqa' taht il-kappa tac-censura. Illi ghalkemm taqbel li l-kliem uzati ma hallew xejn ghall-fantasija, kienu intrinsikament marbutin mar-rapport li ppubblika dwar l-imgieba ta' persuna politika. Fil-kaz odjern, il-Qorti hija tal-fehma li anke fejn hemm allegazzjoni ta' ksur ta' moralita` u pudur, issib li l-Istat ecceda l-limiti fic-cirkostanzi odjerni, konsiderat il-kliem li ntuzaw fl-artikolu stampat tieghu. Anke jekk dawn il-kliem kienu xokkanti ghall-uhud, il-prosekuzzjoni tal-awtur taghhom, *qua* gurnalist, ecceda l-limiti rikonoxxuti ghal-liberta' tal-espressjoni.

"Difatti fil-kamp tal-liberta' tal-istampa, r-restrizzjonijiet imsemmija

[13] Deciz fit-23 ta' April 1992, para 46

ghandhom jigu interpretati restrittivament. Fi kliem l-awturi citati **Harris, O'Boyle & Warbrick**[14] "*As a corollary of its close linkage to democracy, the scope of press freedom must be construed broadly to permit a degree of exaggeration or even provocation, with rigorous scrutiny of restrictions on press freedom*[15]*.*" Fil-konkret[16] "*because of the demands of pluralism, tolerance and broadmindedness, the scope of protection under article 10 is broadly construed as covering information or ideas that are unpalatable to the state,or offending or shocking to some people.*[17] *In the Court's view such is the demand of pluralism in democracies, Article 10 as such does not forbid the dissemination of information suspected of being false.*[18]"

“**Persuni Politici**

“Id-dritt ta' espressjoni u informazzjoni tal-medja fil-kuntest tal-protezzjoni tar-reputazzjoni ta' persuni politici gie artikolat mill-Qorti Ewropea fil-kaz ta' **Lingens v Austria** li enunzjat li :

> *“Whilst the press must not overstep the bounds set, inter alia, for the “protection of the reputation of others”, it is nevertheless incumbent on it to impart information and ideas on political issues just as on those in other areas of public interest. Not only does the press have the task of imparting such information and ideas: the public also has a right to receive them.*[19]

“Il-Qorti kompliet:

> *“the limits of acceptable criticism are accordingly wider as regards a politician as such than as regards a private individual. Unlike the latter, the former inevitably and knowingly lays himself open to close scrutiny of his every word and deed by both journalists and the public at large, and he must consequently display a greater degree of tolerance” (para. 42).”*

“Dan il-principju gie segwit anke wara, bhal ma kien fil-kaz ta’ **Oberschlick** (ECHR 23 ta’ Mejju, 1991) fejn intqal hekk:

> *“The Court notes that a politician must display a greater degree of tolerance with regard to criticism, especially when he himself makes public statements that are susceptible of criticism.”*

“Dak li l-Qorti enuncjat f'dawn iz-zewg sentenzi huwa ormai pacifiku llum anke fil-gurisprudenza nostrana.

“Id-distinzjoni bejn persuni privati u politici, u bejn politici u *public*

---

[14] Op.cit. pg 640
[15] **Observer and Guardian v UK** A 216(1991);14 EHRR 153 para 60 PC;
[16] Op cit. p 616.
[17] **Handyside v UK -** A 24 (1976) 1 EHRR 737para 49
[18] **Salav v Ukraine** Hudoc.(2005) para 113
[19] Lingens judgment of 8 July 1986, Series A No. 103, para. 41

*figures* ohra, u l-firxa tal-protezzjoni moghtija lill-medja, giet trattata fil-kaz **Von Hannover v Germany (No. 2),** fejn gie ritenut mill-Qorti Ewropea (Grand Chamber)[20] li:

> *"2. The role or function of the person concerned and the nature of the activities that are the subject of the report and/or photo constitute another important criterion, related to the preceding one. In that connection a distinction has to be made between private individuals and persons acting in a public context, as political figures or public figures. Accordingly, whilst a private individual unknown to the public may claim particular protection of his or her right to private life, the same is not true of public figures (see **Minelli v. Switzerland** (dec.), no. 14991/02, 14 June 2005, **and Petrenco**, cited above, § 55). A fundamental distinction needs to be made between reporting facts capable of contributing to a debate in a democratic society, relating to politicians in the exercise of their official functions for example, and reporting details of the private life of an individual who does not exercise such functions (see Von Hannover, cited above, § 63, and Standard Verlags GmbH, cited above, § 47)."*

"Il-Qorti mbaghad ikkummentat li "*in certain special circumstances the public's right to be informed can even extend to aspects of the private life of public figures, particularly where politicians are concerned* ."

"Dan il-kaz citat kien jikkoncerna persuna pubblika u mhux fil-politika izda l-principji ribaditi japplikaw ugwalment ghall-kaz odjern.

"Ikkonsidrat li, huwa proprju sabiex jinholoq bilanc bejn id-dritt ghall-espressjoni hielsa, u d-dritt tas-socjeta' u tal-individwu fil-mira tal-medja, li l-limitazzjonijiet mfissra fl-artikolu Kostituzzjonali in mertu jimponu obbligazzjonijiet fuq il-gurnalist id-dmir li jagixxi *in bona fede*, u skont l-etika gurnalistika, u jipprotegih fejn il-kritika jew analizi jindirizzaw dak li hu ta' interess pubbliku in adempiment tar-rwol ta' "*watchdog"* fis-socjeta'.

"Il-Qorti Ewropea kellha l-okkazzjoni li tindirizza l-obbligazzjonijiet ta' gurnalisti f'diversi kazi.

"Hekk fil-kaz **Savitchi v Moldova[21]:-**

> *"46. Article 10 of the Convention does not guarantee a wholly unrestricted freedom of expression even with respect to press coverage of matters of serious public concern. Under the terms of paragraph 2 of the Article the exercise of this freedom carries with it "duties and responsibilities", which also apply to the press. These "duties and responsibilities" are liable to assume significance when, as in the present case, there is a question of attacking the reputation of private individuals and undermining the "rights of others". By reason of the "duties and responsibilities" inherent in the exercise of the*

[20] Deciz fis-7 ta' Frar 2012.
[21] Deciza fil-11 ta' Ottubru 2005 *(Application no. 11039/02)*

*freedom of expression, the safeguard afforded by Article 10 to journalists in relation to reporting on issues of general interest is subject to the proviso that they are acting in good faith in order to provide accurate and reliable information in accordance with the ethics of journalism (see the **Goodwin v. the United Kingdom,** judgment of 27 March 1996, Reports 1996-II, p. 500, § 39, and Fressoz and Roire v. France [GC], no. 29183/95, § 54, ECHR 1999-I).*

"Similment fil-kaz fl-ismijiet **Flux v Moldova (No. 6)**[22] il-Qorti Ewropea kkonsidrat fid-dettall d-dmirijiet ta' gurnalisti:

*"The Court will examine whether the journalist who wrote the impugned article acted in good faith and in accordance with the ethics of the profession of journalist. In the Court's view, this depends in particular on the nature and degree of the defamation at hand, the manner in which the impugned article was written and the extent to which the applicant newspaper could reasonably regard its sources as reliable with respect to the allegations in question. The latter issue must be determined in light of the situation as it presented itself to the journalist at the material time, rather than with the benefit of hindsight.* (*see* Bladet Tromsø *and Stensaas*, *cited above*, § 66)."

Fil-kaz ta' **Macvicar v UK** [23] Il-Qorti Ewropea kkonsidrat id-dmir li gurnalist jivverifika l-fatti rapportati hekk:

*"84. It recalls further that, in **Bladet Tromsø and Stensaas** (cited above, § 66) it commented that special grounds were required before a newspaper could be dispensed from its ordinary obligation to verify factual statements that were defamatory of private individuals. The question whether such grounds existed depended in particular on the nature and degree of the defamation in question and the extent to which the newspaper could reasonably regard its sources as reliable with respect to the allegations."*

"Din il-linja ta' hsieb hija konformi mal-principji enuncjati mill-Qrati taghna. Hekk, ad ezempju, gie ritenut li b'riferenza ghad-distinzjoni bejn *"allegazzjoni ta' fatt"* u *"comment" :-*

*"F'materja ta' ingurja bl-istampa ghandha ssir distinzjoni bejn "allegation of fact" u dak li huwa "comment". Biex tirnexxi d-difiza tal-verita` tal-konvicju, il-fatt ghandu jigi ppruvat. Il-comment biex ikun gustifikat irid ikun "fair and bona fide", u ma jistax ikun "fair u bona fide" jekk il-fatt attribwit lill-kwerelant ma jkunx veru"* **("*Reginald Miller vs Harold Scory*" -** XXXVI.IV.843).

"Illi ghalhekk ma tistax tirnexxi l-eccezzjoni tal-'*fair comment*', *"jekk ma jigux ippruvati sodisfacentament, il-fatti addebitati lill-kwerelant, u ma tistax tirnexxi d-difiza tal-'justification' u jekk il-fatti ma jkunux veri, lanqas jista' jkun hemm 'fair comment'* ("***Anglu Camilleri vs Anthony Zammit"*** Vol.XI.IV.1195; ***"Dr Joseph M. Ciappara vs Joseph***

[22] Deciz fid-29 ta' Ottubru 2008.
[23] Deciz fis-7 ta' Mejju 2002 .

***Zammit*"** 929/90/JSP - 3 ta' Ottubru 1991). Ukoll *"hadd ma jista' jippretendi li jkollu licenzja ta' kritika jew kumment dwar fatti li ma jkunux sostanzjalment veri u korretti".* (*"**Lino Debono -vs- Saviour Balzan**",* Appell 27 ta' April 2001).

"Dan kollu premess, huwa minnu li l-kompitu ta' din il-Qorti mhix ta' appell tat-tieni grad u m'ghandhiex tinvestiga jekk il-Qrati ta' kompetenza kriminali applikaw il-ligi korrettement.

"Illi, izda, ma tistax ma tikkummentax li fil-fehma taghha, konsiderando l-gravita` tal-fatti li gew imputati lill-ex Ministru Cassar u l-oltragg ghar-reputazzjoni tieghu kien mistenni li r-rikorrent kien iressaq xi provi korroborattivi.

"Illi r-rikorrent mhux biss ma ssollevax id-difiza tal-verita` tal-fatti f'dawk il-proceduri imma ddikjara, wara li xehed il-Ministru Cassar, li l-allegazzjonijiet maghmula fl-artikolu inkriminanti kienu bla bazi u li kien qed jirtirahom, kif ukoll li kien lest li jippubblika fil-pront kwalunkwe dikjarazzjoni a soddisfazzjon tal-parti leza, kif fil-fatt hekk ghamel.

"Ir-rikorrent xehed quddiem din il-Qorti u ddikjara li qaghad fuq l-informazzjoni li rcieva minn aktar minn persuna wahda - qaghad fuq li qalulu ghaliex fdahom. Ma kienux xnieghat. In kontro-ezami spjega li kien apologizza lill-Ministru ghaliex "*Ma kellniex provi bizzejjed u ma stajtx inressaq provi izjed."* Qal li rrizultalu wara dik ix-xhieda, li l-allegazzjonijiet kienu foloz.

"Illi hawnhekk ma giex sostnut li agixxa in *mala fede* ghalkemm certament agixxa b'nuqqas ta' responsabbilita` u etika tenut kont l-implikazzjonijiet serji tal-artikolu fuq il-hajja privata ta' Ministru mizzewweg, oltre tat-terza persuna implikata li kienet facilment identifikabbli. Fil-fehma ta' din il-Qorti, in-*Niggieza* kien gurnal partiggjan politiku izda f'dan l-artikolu, ghal dak li hu kontenut, iktar xaqleb lejn stil ta' *tabloid news* jew *scandal sheet*. Dan fih innifsu ma jaghtihx immunita` biex ikisser ir-reputazzjoni, anke ta' persuna fil-hajja politika, minghajr fatti jew argumenti u *value judgments* logici u ragjonevoli. Ghalkemm ma kienx hemm fatti korrobranti, l-artikolist assigura lill-qarreja li dak li kiteb kien jafu *biz-zgur* u li kien ser jippubblika artikoli ohra in segwitu. Izda dan ma sehhx. Kif gie ritenut mill-Qorti Ewropea **f'Macvicar** *ante*, r-rikorrent ma kienx konvint hu stess *"as to the extent to which (he) could reasonably regard its sources as reliable with respect to the allegations."*

"Illi izda din il-Qorti ssostni li tali argumenti ghandhom isibu r-rilevanza taghhom fil-kamp ta' proceduri u sanzjonijiet civili milli f'dawk penali li m'ghandomx jibqghu aktar applikabbli fil-kaz ta' malafama gurnalistika.

"**Proporzjanalita` tal-Interferenza**

"Fi kliem iehor, irid jigi ezaminat jekk, l-applikazzjoni fil-kaz konkret ta'

ligi tivvjolax il-principju tal-proporzjonalita` billi l-intervent tal-Istat irid johloq bilanc bejn il-mezzi adoperati u l-ghan li jrid jintlahaq bl-interferenza - f'dan il-kaz il-protezzjoni tal-moralita` pubblika u r-reputazzjoni privata tal-individwu.

"Illi ghar-rigward ta' persuna fil-qasam pubbliku, il-livell ta' kritika li l-ligi tal-istampa tittollera huwa x'aktarx gholi, ażżardat u wiesgha, u cirkoskritt biss minn prova ta' hażen jew infondatezza tal-fatti msemmija jew mid-dicenza pubblika jew ta' abdikazzjoni ta' dmirijiet imposti fuqha.

"F'dan il-kuntest il-Qrati jqiesu wkoll is-sanzjonijet applikati. "*The (European) court has fleshed out distinct doctrines such as the 'chillng effect' and 'the less restrictive alternative.*" [24]

"Ir-rikorrent jissottometti li piena karcerarja fil-kuntest ta' l-artikolu 41 (2)(a)(2) ma hijiex mizura ragonevoli illi l-istat jista' jiehu fil-konfront ta' gurnalist. Inoltre gie sottomess li kwalsiasi mizura li trid tittiehed karcerarja *o meno*, trid titqies skont ir-riga li maz-zmien giet zviluppata u li llum il-gurisprudenza ta' Strasburg qed issegwi b'riferenza ghal hekk *chilling effect*.

"L-intimat irribatta dwar dan il-punt li l-gurisprudenza tal-Qorti Ewropea hija cara illi c-*chilling effect* jigi applikat f'kaz ta' gurnalizmu investigattiva fejn il-gurnalist qed jagixxi biex jesponi kaz li hu ta' interess pubbliku.

"Illi fil-kaz **Lingens v Austria** fuq citat, il-Qorti Ewropea irriteniet li :

> *"…although the penalty imposed on the author did not strictly speaking prevent him from expressing himself, it nonetheless amounted to a kind of censure, which would be likely to discourage him from making criticism of that kind again in future […]. In the context of the political debate such a sentence would be likely to deter journalists from contributing to public discussion of issues affecting the life of the community. By the same token, a sanction such as this is liable to hamper the press in performing its tasks as purveyor of information and public watchdog".*

"Dan kollu gie ezaminat mill-Qorti Ewropea fil-kaz fl-ismijiet **Cumpana and Mazare v. Romania**[25] fejn gie ribadit li :

> *"3. The nature and severity of the penalties imposed are factors to be taken into account when assessing the proportionality of an interference with the freedom of expression guaranteed by Article 10 (see **Ceylan v. Turkey** [GC], no. 23556/94, § 37, ECHR 1999-IV; **Tammer v. Estonia,** no. 41205/98, § 69, ECHR 2001-I; **Skałka v. Poland,** no. 43425/98, §§ 41-42, 27 May 2003; and **Lešník,** cited above, §§ 63-64). The Court must also exercise the utmost caution*

[24] **Harris O'Boyle & Warwick. *op.cit* p 630.**
[25] Dec. fis-17 ta' Dicembru 2004.

> *where the measures taken or sanctions imposed by the national authorities are such as to dissuade the press from taking part in the discussion of matters of legitimate public concern (see* ***Jersild v. Denmark,*** *judgment of 23 September 1994, Series A no. 298, pp. 25-26, § 35)."*

"Inoltre:

> *"4. Although the Contracting States are permitted, or even obliged, by their positive obligations under Article 8 of the Convention (see paragraph 91 in fine above) to regulate the exercise of freedom of expression so as to ensure adequate protection by law of individuals' reputations, they must not do so in a manner that unduly deters the media from fulfilling their role of alerting the public to apparent or suspected misuse of public power (see paragraph 93 above). Investigative journalists are liable to be inhibited from reporting on matters of general public interest – such as suspected irregularities in the award of public contracts to commercial entities – if they run the risk, as one of the standard sanctions imposable for unjustified attacks on the reputation of private individuals, of being sentenced to imprisonment or to a prohibition on the exercise of their profession.*

Dwar il-*chilling effect,* l-istess Qorti irriteniet li:

> "5. *The chilling effect that the fear of such sanctions has on the exercise of journalistic freedom of expression is evident (see, mutatis mutandis,* ***Wille v. Liechtenstein*** *[GC], no. 28396/95, § 50, ECHR 1999-VII;* ***Nikula v. Finland,*** *no. 31611/96, § 54, ECHR 2002-II;* ***Goodwin,*** *cited above, p. 500, § 39; and* ***Elci and Others v. Turkey****, nos. 23145/93 and 25091/94, § 714, 13 November 2003). This effect, which works to the detriment of society as a whole, is likewise a factor which goes to the proportionality, and thus the justification, of the sanctions imposed on the prezent applicants, who, as the Court has held above, were undeniably entitled to bring to the attention of the public the matter of the signing of the partnership agreement between the city authorities and the private company concerned (see paragraphs 94-95 above)."*

"***Inflizzjoni ta' Sanzjonijiet Penali ghall-offiza tal-Istampa***

"Illi l-awturi **Harris O'Boyle & Warwick jiktbu:** "*Indeed the Court has stressed that the infliction of any criminal sanction, albeit minor in nature, may entail a chilling effect. What matters is not the gravity of the penalty inflicted on journalists* <u>*but the very fact that they are convicted*</u>*."*[26] (enfasi ta' din il-Qorti)

"Imbaghad skont l-istess awturi "*The imposition of a prison sentence for a press offence will be compatible with journalists' freedom of expression only in exceptional circumstances, notably where other*

---

[26] *Op cit* p.641 - Damann v Switzerland - HUDOC (2006) para 57

*fundamental rights have not been seriously impaired, as in the case of hate speech or incitement to violence."*[27]

"Dan hu affermat **fil-kaz citat Cumpana and Mazere** :

> *"6. Although sentencing is in principle a matter for the national courts, the Court considers that the imposition of a prison sentence for a press offence will be compatible with journalists' freedom of expression as guaranteed by Article 10 of the Convention <u>only in exceptional circumstances</u>, notably where other fundamental rights have been seriously impaired, as, for example, in the case of hate speech or incitement to violence (see, mutatis mutandis,* ***Feridun Yazar v. Turkey****, no. 42713/98, § 27, 23 September 2004, and* ***Sürek and Özdemir v. Turkey*** *[GC], nos. 23927/94 and 24277/94, § 63, 8 July 1999). In this connection, the Court notes the recent legislative initiatives by the Romanian authorities, leading to the removal of the offence of insult from the Criminal Code and the abolition of prison sentences for defamation (see paragraph 57 above)."* (emfasi ta' din il-Qorti.)

"Illi in sostenn tat-tezi tieghu r-rikorrent jistrieh primarjament fuq is-sentenza moghtija mill-Qorti Ewropea fil-kaz relativament recenti ta' **Belpietro v Italy** [28] fejn gie affermat li :

> *"53. Anche la natura e la severità delle pene inflitte sono elementi da tenere in considerazione in sede di valutazione della proporzionalità dell'ingerenza (si vedano, ad esempio,* ***Ceylan c. Turchia*** *[GC], n. 23556/94, § 37, CEDU 1999-IV, e* ***Tammer c. Estonia****, n. 41205/98, § 69, CEDU 2001-I). "* Il-qorti imbaghad ghamlet referenza ghall-kaz ***Cumpănă e Mazăre v. Romania*** *([GC], § 113-115,* fuq rapportat. Dan kollu rega' gie affermat fil-kaz **Reichman v France** deciz fit-12 ta' Lulju 2016.

"Illi l-intimat iqies li r-rikorrent ma jisthoqqlux l-istess protezzjoni li ghandu jkollu gurnalist investigattiv ghal xi rapportagg li jikkotribwixxi ghad-dibattitu u interess pubbliku.

"Illi din il-Qorti ma taqbilx ma din is-sottomissjoni. Huwa ta' interess ghal pubbliku li l-imgieba tal-politikanti taghhom, u specjalment dawk li ghandhom dmirijiet u repsonsabbilitajiet ministerjali, tkun incensurabbli anke fil-hajja privata. Jekk din l-imgieba tista' tohloq dubbji fuq l-integrita`, kapacita` u kredibbilita` taghhom fil-qadi tal-funzjonijiet pubblici taghhom allura d-diskors jirrientra fil-kamp ta' dibattitu u interess pubbliku.

"**Illi inoltre, sanzjoni karcerarja applikata ghall-kaz odjern, li ma pprezentax periklu ghas-sigurta' tas-socjeta' in generali, jew xi minaccja reali ta' mibgheda jew vjolenza, mhuwiex ragjonevoli accettabbli in kwantu sproporzjonat ghall-ghan legittimu fi stat**

[27] Cumpana and Mazare v Rumania 2004-XL 41. EHRR 400 para 115 GC
[28] 24 ta' Settembru 2013

**demokratiku fejn jezistu rimedji ohrajn ad ezempju, proceduri civili ghad-danni ghall-protezzjoni tal-privat.**

"Illi huwa minnu li r-rikorrent gie mixli wkoll li offenda l-pudur u l-moralita` pubblika anke permezz tal-kliem uzati fl-artikolu in kwistjoni. Huwa fatt konoxxut li l-kuncett ta' moralita` jinbidel maz-zminijiet.

"Il-Qorti Ewropea fil-kaz **Muller and Others v Switzerland** (dec. fit-24 ta' Mejju 1988) irribadiet li :

> "*Today, as at the time of the Handy side judgment (previously cited, p. 22, § 48), it is not possible to find in the legal and social orders of the Contracting States a uniform European conception of morals. The view taken of the requirements of morals varies from time to time and from place to place, especially in our era, characterised as it is by a far-reaching evolution of opinions on the subject. By reason of their direct and continuous contact with the vital forces of their countries, State authorities are in principle in a better position than the international judge to give an opinion on the exact content of these requirements as well as on the "necessity" of a "restriction" or "penalty" intended to meet them."*

"Illi fil-kaz odjern, l-artiklu in mertu kellu riferenza cara ghall-atti sesswali, u jaghmel insinwazzjonijiet velati ghall-atti sesswali kompjuti bejn il-Ministru u t-terza persuna bl-uzu ta' metafori li ma jhallu xejn ghall-immaginazzjoni tal-qarrej. Il-Qorti Kriminali rritieniet li l-kliem kemm kemm velati, taw deskrizzjoni pornografika inkonfondabbli tal-att sesswali bil-konsegwenza ta' gravidanza.

"Illi l-legittimita` tal-interferenza, fid-dawl tal-kliem uzati fl-artikolu, mhix in diskussjoni. Madanakollu din il-Qorti ma ssibx dak l-oltragg li jimmerita sanzjoni karcerarja specjalment fid-dawl tal-gurisprudenza zviluppata fejn hu ormai pacifiku li sanzjoni karcerarja hija gustifikabbli biss f'kazijiet estremi, li certament mhuwiex il-kaz odjern.

"Fil-proceduri kriminali ir-rikorrent apologizza, ddikjara li kien lest li jippubblika dak li riedet il-parti leza, u rtira kollox, mhux ghaliex kien *in mala fede* meta ppubblika l-artikolu, (dan f'ebda hin ma gie ppruvat) imma ghaliex induna li l-fonti tieghu, li hu qies li kienu affidabbli, zgwidawh.

"Ghaldaqstant din il-Qorti hi tal-fehma li l-piena ta' prigunerija inflitta fuq ir-rikorrent ma kienetx wahda proporzjonata u ragjonevolment gustifikabbli f'socjeta demokratika u konsegwentement issib li d-drittijiet tar-rikorrent kif sanciti taht l-artikolu 41 tal-Kostituzzjoni ta' Malta gew ivvjolati.

"Ghandu jinghad ukoll li fil-mument tar-redazzjoni ta' din is-sentenza gie mhabbar li ser jitressaq abbozz ghad-dekriminalizzazzjoni tal-libell, liema emmendi jidher li ser ikollhom l-appogg taz-zewg nahat tal-Kamra tad-Deputati. Dan wahdu mhuwiex determinanti ghall-

konsiderazzjonijiet li ghamlet din il-qorti izda huwa daqstant minnu li hemm qbil f'dan il-pajjiz li l-kriminalizzazzjoni tal-libell huwa anakronistiku u mhux mehtieg ragjonevolment f'socjeta' demokratika f'kazijiet fejn hemm rimedji alternattivi li ma jimminawx il-liberta' tal-istampa u xorta jipprotegu d-drittijiet ta' terzi. Dan hu konformi mal-izviluppi fid-drittijiet tal-bniedem in generali u tal-liberta' tal-espressjoni in partikolari.

"**Rimedju**

"Ir-rikorrent qed jitlob kumpens xieraq ghal-lezjoni li sofra. Jsostni li kumpens simboliku mhuwiex rimedju effettiv ghal dak kollha li sofra konsegwenza tal-perjodu li ghadda f'cella tal-habs.

"L-intimat iribatta fis-sens li d-dikjarazzjoni ta' ksur huwa rimedju gust, kif ukoll li din il-Qorti ghandha tikkunsidra l-fatt li r-rikorrent kien passiv ghal aktar minn erbghin sena qabel ma intavola din il-kawza. Ghandu jigi senjalat li l-qorti taqbel mal-intimat li l-Gvern Malti ma wieghed xejn b'riferenza ghall-korrispondenza esebita li ghaddiet bejn ir-rikorrent u l-Ministru kkoncernat u l-ufficju tal-Presidenza ta' Malta.

"Ikkonsidrat li l-fedina penali tar-rikorrent giet imnaddfa mill-kundanna minhabba t-trapass ta' snin. Ukoll din il-Qorti mhix ikkoncernata mill-fatt li huwa skonta xaharejn u nofs mit-tliet xhur prigunerija, ghaliex anke gurnata wahda kienet tkun bizzejjed biex tohloq sproporzjon kif fuq stabbilit.

"Ikkonsidrat li kwalsiasi piena karcerarja kienet eccessiva fil-kaz in ezami. Mir-rizultanzi gie ppruvat li konsegwenza tal-prigunerija sofra anzjeta', u trawma psikologika (*klawstrofobija).* Qatt ma basar li karriera fil-gurnalizmu kienet ser twasslu ghall-habs u baqa' jhoss l-effetti negattivi ta' din l-esperjenza imweghra ghall-bosta snin. Ma baqax jikteb fil-kamp tal-politika partiggjana u dan ukoll hu ta' thassib ghaliex il-process li ghadda minnu mmina l-pluralizmu fis-socjeta' taghna.

"Illi rigward l-element ta' passivita`, din il-qorti gja ikkummentat *ante* li l-Kostituzzjoni ma tippreskrivix l-azzjoni odjerna. Ghalhekk ma tarax ghalfejn ghandha tippenalizza lir-rikorrent minhabba t-trapass ta' snin. Anzi tista' tapprezza *ex post facto* li r-rikorrent gie milqut bic-*chilling effect* kif gie diskuss ampjament.

"Kif gie ritenut mill-Qorti Ewropea fil-kaz **Apap Bologna v Malta** [29] bhal fil-kaz ta' **Montanaro Gauci v Malta** fuq citat li:

> *"7. . The legislator leaves the choice of timing to the applicant .".*

[29] Deciz fit-30 ta' Awwissu 2016.

"Ikkonsidrat ukoll li l-ligi taghna ghadha tipprovdi ghall-piena karcerarja fil-kaz ta' gurnalisti. L-Istat baqa' ikaxkar saqajgh ghal dak li jirrigwarda id-dekriminalizzazzjoni ta' malafama mill-istampa, minkejja l-gurisprudenza kostanti fuq citata u ta' dan ghandu jwiegeb. Tinnota f'din il-materja, li l-Assemblea Parlamentari tal-Kunsill tal-Ewropa rrakkommandat li "*prison sentences for defamation should be abolished without further delay"* abbazi ta' rapport fuq il-kwistjoni. [30]

"Illi dan kollu premess hi tal-fehma li r-rikorrent fic-cirkostanzi ghandu dritt ghall-kumpens ghad-danni morali. Illi ghal dak li jirrigwarda l-eccezzjoni tal-intimat, minn ezami tal-gurisprudenza tal-Qorti Ewropea l-Qorti taqbel li f'bosta kazi dik il-Qorti llimitat ir-rimedju ghall-dikjarazzjoni ta' lezjoni.

"Illi fejn likwidat kumpens ghad-danni morali, l-Qorti Ewropea ordnat il-hlas diversament ad. ezempju ta' €10,000 (**Belpietro)** FF40,000 (**Ceylan**), €20,000 u €15,000 rispettivament liz-zewg applikanti fil-kaz **Steel and Morris v UK** [31]u €5,000 (**Reichmann).**

"Din il-Qorti hi tal-fehma li, billi l-artikolu ma rraprezenta l-ebda periklu ghas-socjeta' Maltija, jew ghal xi kategorija tal-istess socjeta', ma kienx hemm lok ghall-applikazzjoni ta' piena karcerarja. Ir-rikorrent tilef il-liberta' tieghu u ghalkemm illum il-Qorti qed tevalwa vjolazzjoni storika b'lenti aggornati, b'hekk ma jfissirx li l-principji enuncjati llum, li jigbdu riga favur il-gurnalist hlief f'kazi eccezzjonali u estremi, m'ghandhomx ikollhom applikazzjoni retroattiva a beneficcju tal-akkuzat.

"Din il-Qorti tqis li ghandu jinghata tali kumpens essenzjalment minhabba l-kundanna ghall-piena karcerarja bil-konsegwenzi kollha, fizici u emottivi li garrab. Fil-maggor parti tal-kawzi li wasslu f'Strasbourg, il-gurnalisti kienu affrontaw multi u danni likwidati izda mhux habs.

"Huwa minnu li r-rikorrent seta' kien aktar rigoruz fl-investigazzjoni tieghu bhala gurnalist kif jirribatti l-intimat. Izda fil-fehma ta' din il-Qorti dan l-argument ghandu jipprevali fil-kamp civili fejn gurnalist li jinjora r-responsabbilitajiet etici fir-rapportagg tieghu jista' jissubixxi legittimament sanzjonijiet meqjusin u proporzjonati izda ma jistax jiggustifika sanzjonijiet penali.

"**Ghalhekk tillikwida l-kumpens ghad-danni non-pekunjarji *ex aequo* fl-ammont ta' hamest elef ewro (€5,000)**[32].

---

[30] Towards decriminalisation of defamation", Report by Committee on Legal Affairs and Human Rights, Doc. 11305, published on 25 June 2007, Rapporteur: Mr Jaume Bartumeu Cassany, Andorra, Socialist Group.
[31] Deciz fil-15 ta' Frar 2005.
[32] *Vide* sentenza fil-kaz ta' Belpietro v Italy.

***L-Appelli***

3. L-Avukat Generali jibbaza l-appell principali tieghuipprezentat fil-15 ta’ Novembru 2016, fuq erba’ aggravji: [1] illi l-ewwel Qorti kellha tilqa’ l-eccezzjoni taghha tan-nuqqas ta’ ezawriment ta’ rimedju ordinarju; [2] illi l-ewwel Qorti ma tatx id-dovuta konsiderazzjoni ghall-fatt li l-fatti lamentati mir-rikorrent sehhew 40 sena qabel ma ntavola l-proceduri odjerni; [3] illi l-ewwel Qorti ghamlet konsiderazzjonijiet erroneji tad-dritt tal-liberta’ tal-espressjoni kif protett bl-Artikolu 41 tal-Kostituzzjoni ta’ Malta [il-Kostituzzjoni u, [4] illi r-rimedju moghti mhuwiex wiehed gust.

4. Qed jitlob ghalhekk lil din il-Qorti sabiex tirriforma s-sentenza appellata billi thassar dik il-parti fejn sabet li l-proceduri kriminali mehuda kontra r-rikorrent u l-piena karcerarja inflitta permezz tas-sentenza fil-kawza fl-ismijiet **Il-Pulizija (Supretendent A. Mifsud Tommasi) v. Joseph Calleja u Emanuel Bonello** illedew il-jedd fundamentali tar-rikorrent skont l-Artikolu 41 tal-Kostituzzjoni ta’ Malta u fejn illikwidat kumpens fl-ammont ta’ €5,000 flimkien mal-imghaxijiet legali mid-data tas-sentenza, filwaqt li tikkonferma l-kumplament tas-sentenza; bl-ispejjez taz-zewg istanzi kontra r-rikorrent.

5. Permezz tar-risposta tal-appell tieghu ipprezentata fil-5 ta’ Dicembru 2016, ir-rikorrent, wara li talab li l-appell tal-intimat jigi michud

ghar-ragunijiet hemm moghtija minnu, jipproponi wkoll appell incidentali li qed jibbaza fuq zewg aggravji: [i] li l-ammont tal-kumpens akkordat huwa baxx meta jitqies li hu kien suggett ghal piena karcerarja effettiva; [2] illi hu ma kellux jigi akkollat li jhallas spejjez

6. Qed jitlob ghalhekk lil din il-Qorti sabiex, filwaqt li tichad l-appell interpost mill-intimat Avukat Generali, tirriforma s-sentenza appellata billi, fir-rigward tat-tieni talba, tillikwida bhala kumpens somma superjuri ghal dik likwidata mill-ewwel Qorti u wkoll, thassar id-decizjoni fir-rigward tal-kap tal-ispejjez u minflok tordna li l-ispejjez ghandu jbatihom l-intimat; mill-bqija tikkonferma s-sentenza appellata, bl-ispejjez taz-zewg istanzi kontra l-intimat.

***L-Appell Principali***

*L-Ewwel Aggravju [rimedju ordinarju]*

7. Permezz ta' dan l-aggravju, l-Avukat Generali jissottometti illi, jekk ir-rikorrent issubixxa danni naxxenti mill-inkarcerazzjoni tieghu, huwa kellu kull opportunita` li jistitwixxi proceduri ordinarji abbazi tal-ligi ordinarja sabiex jirreklama danni *ex delicto*. Jghid li, ghalkemm danni non-pekunjarji jew morali ma humiex specifikament imsemmija fil-ligi nostrana, pero` l-mod kif jigu kkalkulati u likwidati d-danni mill-qrati civili

ordinarji huma tali li jinkorporaw id-danni morali minkejja nuqqas ta' referenza specifika ghalihom.

8. Ir-rikorrent iwiegeb ghal dan l-aggravju bis-sottomissjoni illi l-mertu tal-kawza odjerna mhuwiex il-legalita` jew le tas-sentenza kriminali jew xi episodju li sehh waqt l-inkarcerazzjoni tieghu. Il-mertu hu l-fatt li l-proceduri penali li ttiehdu essenzjalment kienu lezivi tal-jedd tal-liberta' tal-espressjoni tieghu. Huwa car ghalhekk li tali azzjoni ma setghetx tingieb quddiem qorti ohra hlief dik ta' gurisdizzjoni kostituzzjonali.

9. Fir-rigward din il-Qorti taghmel referenza ghas-sentenza taghha moghtija fl-ismijiet **Raymond Vella et v. Il-Kummissarju tal-Artijiet** fl-24 ta' Mejju 2004, u tirribadixxi li:

> "…….il-proviso ghas-subartikolu (2) kemm tal-Artikolu 46 kif ukoll tal-Artikolu 4, ma jghidx li l-Prim Awla "ghandha" tirrifjuta li tezercita s-setghat taghha, izda li "tista', jekk tqis li jkun desiderabbli li hekk taghmel" tirrifjuta li tezercita dawk is-setghat. Fi kliem iehor, il-legislatur halla fid-diskrezzjoni prudenti tal-Prim Awla biex, minn naha l-wahda ma jkunx hemm kawzi kostituzzjonali (jew taht il-Kap. 319) bla bzonn, izda minn naha l-ohra jigi assigurat li f'kazijiet li jimmeritaw li jigu ezaminati sew u taht il-lenti tal-Kostituzzjoni jew tal-Konvenzjoni Ewropea (anke jekk dawn setghu jigu ezaminati taht xi ligi ohra) dawn jigu hekk ezaminati, u dan fid-dawl tar-rimedju jew rimedji li "huma jew kienu disponibbli" favur il-persuna li tkun qed tallega vjolazzjoni tad-drittijiet fondamentali taghha. Konsegwentement meta l-Prim Awla taghzel li tezercita s-setghat taghha, din il-Qorti ma tiddisturbax id-diskrezzjoni ezercitata minn dik il-Qorti hlief f'kazijiet fejn dik il-Qorti tkun manifestament u grossolanament zbaljat fl-uzu ta' dik id-diskrezzjoni."

10. Fl-ewwel lok din il-Qorti tosserva li, kif jirrizulta mill-bran fuq citat, ir-rimedju ordinarju ma jeskludix awtomatikament ir-rimedju kostituzzjonali. Fit-tieni lok, tosserva li, tenut kont tal-gravita` tal-lezjoni li wasslet sabiex ir-rikorrent, allura gurnalist, issubixxa piena karcerja effettiva ghal xaharejn u nofs minhabba dak li stampa fil-gurnal, l-ewwel Qorti kienet fil-parametri ta' dak li hu mhux biss legali izda anke ragjonevoli, meta ddecidiet li tezercita s-setghat kostituzjonali taghha.

11. Fid-dawl tal-premess, din il-Qorti ma tarax li l-ewwel Qorti ezercitat b'mod zbaljat id-diskrezzjoni taghha a tenur tal-Artikolu 46[2] tal-Kostituzzjoni u ghaldaqstant dan l-aggravju qieghed jigi respint.

*It-Tieni Aggravju [it-trapass taz-zmien]*

12. Permezz ta' dan l-aggravju l-Avukat Generali jissottometti illi huwa principju stabbilit illi l-ligi ma tipprotegix lil dawk li jorqdu fuq id-drittijiet taghhom u l-fatt li r-rikorrent halla tant snin jghaddu qabel ma iddecieda li jressaq il-proceduri odjerni jixhed li fil-verita` hu ma kienx konvint li gew lezi d-drittijiet fundamentali tieghu. Ikompli jsostni li bit-trapass taz-zmien in-necessita` impellenti ghall-intavolar ta' proceduri kostituzzjonali naqset sew. Jissottometti li, minkejja li ma hemm ebda preskrizzjoni sabiex individwu jintavola kawza kostituzzjonali, ma jfissirx

li persuna ghandha thalli ghexieren ta’ snin jghaddu qabel ma tiehu passi sabiex tirrivendika dritt kostituzzjonali taghha.

13. Jissenjala ukoll li r-rikorrent ma pproduca ebda prova ghajr il-kelma tieghu, ta’ martu u ta’ huh, li l-esekuzzjoni tal-piena ta’ prigunerija halliet effetti fuqu li kienu ta’ detriment ghal sahhtu. Barra minnhekk, il-vjolazzjoni allegata kienet wahda istantanea u spiccat hekk kif ir-rikorrent skonta l-piena circa 40 sena ilu. F’dan ir-rigward l-intimat jiccita estensivament mill-kawza ta’ din il-Qorti fl-ismijiet **Anthony Mifsud v. Supretendent Carmelo Bonello**, moghtija fit-18 ta’ Settembru 2009 u jghid li l-fatt li r-rikorrent ma trattax il-kwistjoni tieghu b’mod urgenti jew ghall-anqas b’tempestivita` il-konkluzjoni naturali ghandha tkun li l-azzjoni odjerna hija wahda frivola u vessatorja.[33]

14. L-intimat jissenjala li hu rilevanti wkoll li l-vittma tal-libell thalla jmut qabel ma nfethet il-kawza, “u dan allura jaffettwa l-possibilita` ta’ smigh xieraq billi l-intimat ma setghax itellghu xhud biex jispjega l-effetti [fuqu] tal-libell”.

15. Minn naha tieghu r-rikorrent iwiegeb ghal dan l-aggravju billi jghid illi l-ligi ma tippreskrivix terminu li fih kellu jressaq ilment tieghu dwar

[33] Fil-parti relevanti din tghid: *“... u jekk il-Qorti ma tkunx sodisfatta mis-serjeta’ u mill-gravita’ tal-lezjoni tad-dritt fondamentali jew tat-theddida ghalih kif riflessa mill-urgenza ta’ l-individwu biex ifittex rideress, l-ilment jista’ wkoll jitqies li jkun wiehed frivolu u vessatorju. Dan ghaliex hu kontrosens li wiehed jilmenta minn vjolazzjoni ta’ dritt fondamentali u fl-istess waqt bla ebda raguni valida gustifikattiva ma jirreagixxi immedjatament biex tali vjolazzjoni tigi rettifikata.”*

ksur ta' jedd fundamentali. Barra minnhekk l-fatt li l-vittma tal-libell lahaq miet qabel ma gew istitwiti l-proceduri odjerni ma ghandux rilevanza ghal kaz odjern, stante li f'dawn il-proceduri l-ilment tar-rikorrent huwa biss fil-konfront tal-iStat.

16. Dwar l-effetti hziena li esekuzzjoni tal-piena karcerarja halliet fuqu dawn jirrizultaw mix-xhieda ta' martu u ta' huh, liema xhieda ma gietx kontradetta; ghalhekk ma huwiex permess li issa l-intimat jittanta jiskredita xhieda b'rikors tal-appell meta dawn lanqas biss gew kontro-ezaminati minnu.

17. Fir-rigward, din il-Qorti tirribadixxi li, il-fatt li r-rikorrent halla ghexieren ta' snin [40 sena] jghaddu qabel ma hass li ghandu jipprocedi gudizzjarjament ghar-rivendikazzjoni tad-dritt kostituzzjonali tieghu, itendi li jimmilita kontra l-element jew il-fattur tal-htiega jew bzonn li normalment jimmotivaw u jwasslu sabiex persuna li ssostni li fil-konfront taghha gie lez dritt fundamentali tistitwixxi proceduri kostituzzjonali sabiex totjeni rimedju, kemm pekunjarju kif ukoll non pekunjarju, ghal-lezjoni subita minnha. Mill-banda l-ohra pero`, ma jistax jigi injorat il-fatt li fid-dawl tal-gurisprudenza l-aktar recenti tal-Qorti Ewropeja l-fattur tad-dewmien sabiex persuna tagixxi gudizzjarjament ghar-rivendikazzjoni ta' dritt fundamentali protett bil-Konvenzjoni allegatament lez fil-konfront taghha ma ghandux jitqies bhala fattur relevanti fid-determinazzjoni tal-

vertenza dwar jekk tikkonfigurax lezjoni ta' dritt fundamentali.[34]

18. Rigward il-provi dwar l-effetti hziena li l-esekuzzjoni tal-piena karcerarja halliet fuq ir-rikorrent, din il-Qorti tosserva li din il-materja se mai hija izjed relevanti ghall-fini tar-rimedju milli ghad-determinazzjoni tal-punt jekk kienx gie vjolat dritt fundamentali tar-rikorrent u d-dritt tieghu li jressaq il-proceduri odjerni. Ghalhekk din il-Qorti ser tittratta dan il-fattur fl-ezami taghha tar-raba' aggravju tal-intimat.

19. Rigward il-pretensjoni tal-intimat li l-fatt li l-proceduri odjerni tressqu wara li miet il-vittma tal-libell *"affettwa l-possibilita` ta' smigh xieraq billi l-intimat ma setax itellghu xhud biex jispjega l-effetti tal-libell",* din il-Qorti tosserva li fil-fehma taghha din il-konsiderazzjoni kienet tkun waħda valida li kieku l-gurisprudenza tal-Qorti Ewropeja dwar it-trapass taz-zmien wara l-lezjoni ma kienetx dik li hi[35].

20. Ghaldaqstant dan l-aggravju mhuwiex gustifikat u qed jigi respint.

*It-Tielet aggravju [Interpretazzjoni tal-ligi]*

21. L-Avukat Generali jikkontendi illi l-ewwel Qorti ma kinitx gusta meta b'mod awtomatiku sabet lezjoni naxxenti mit-tehid ta' proceduri

[34] Ara Montanaro Gauci v. Malta citata fis-sentenza appellata
[35] ibid

penali kontra l-appellat. Jghid li l-interess ta' gurnalist li jippubblika ahbar ma jezentahx mill-htiega li jivverifika l-ahbar, aktar u aktar meta din tista' tkun ta' hsara ghal haddiehor. Mill-provi jirrizulta li dan ma sarx. Jissottometti li t-tehid ta' proceduri penali f'tali cirkostanzi kien gustifikat f'socjeta' demokratika u mhux vjolattiv tal-principju tal-proporzjonalita`. B'referenza ghall-gurisprudenza tal-Qorti Ewropeja jissottometti illi l-kuncett tal-liberta' tal-espressjoni u tal-istampa ghandu jigi kontrobilancjat mad-dritt tac-cittadin ghall-inkolumita` tieghu minn attakki gratuwiti u sfrenati bhal dawk li saru mir-rikorrent f'dan il-kaz. Jghid li r-rappurtagg irid jigi oggettivament verifikat. Jissenjala li dak li kellha taghmel l-ewwel Qorti huwa li tara jekk dak li sar mill-iStat bit-tehid tal-proceduri penali kienx mehtieg f'socjeta' demokratika u kienx jirrispetta l-principju tal-proporzjonalita, u mhux tistharreg jekk sentenza ta' qorti ohra kinitx gusta jew le. Jghid ukoll li r-referenza tal-ewwel Qorti ghall-emendi mahsuba fil-qasam tal-libell hija totalment irrilevanti.

22. Ir-rikorrent jirribatti billi jghid illi dan l-aggravju jincidi fuq l-apprezzament tal-provi maghmul mill-ewwel Qorti, xi haga li ma hijiex ben vizta minn qrati fil-grad ta' appell. Jghid li l-ewwel Qorti waslet ghall-konkluzjoni li hu ma kienx jimmerita piena karcerarja u dan fuq skorta tal-principji gurisprudenzjali citati fis-sentenza appellata. Jghid li l-Avukat Generali jistrieh fuq is-sentenza tal-Qorti Ewropeja **Tamer v.**

**Estonia**[36], izda jhalli barra sentenzi ohra bhal **Belpietro v. Italy**.

23. Din il-Qorti tibda billi ticcita bran mis-sentenza **Lingens v. Austria**[37] li huwa ferm relevanti ghal dan l-aggravju:

> "42. Freedom of the press furthermore affords the public one of the best means of discovering and forming an opinion of the ideas and attitudes of political leaders. More generally, freedom of political debate is at the very core of the concept of a democratic society which prevails throughout the Convention.
>
> "The limits of acceptable criticism are accordingly wider as regards a politician as such than as regards a private individual. Unlike the latter, the former inevitably and knowingly lays himself open to close scrutiny of his every word and deed by both journalists and the public at large, and he must consequently display a greater degree of tolerance. No doubt Article 10 para. 2 (art. 10-2) enables the reputation of others - that is to say, of all individuals - to be protected, and this protection extends to politicians too, even when they are not acting in their private capacity; but in such cases the requirements of such protection have to be weighed in relation to the interests of open discussion of political issues."

24. Hija flokha s-sottomissjoni maghmula mill-intimat li "l-interess tal-gurnalisti li jxandru l-ahbarijiet b'attwalita` huwa interess legittimu, izda mhux interess li quddiemu ghandu jcedi l-jedd ta' haddiehor ghall-fama u r-reputazzjoni tieghu. Ghalhekk, l-interess ta' gurnalist li jippubblika ahbar ma jehlisx lil tali gurnalist mill-htiega li jivverifika l-ahbar, aktar u aktar meta din l-ahbar tista' tkun ta' hsara ghal haddiehor." Ghandu jirrizulta car u manifest li d-dritt u l-obbligu tal-gurnalist li jinforma lis-

[36] Appl.41205/98 deciza 6 Frar 2001
[37] Appl.9815/82 deciza 8 Lulju 1986

socjeta' b'ahbar lill-pubbliku ghandu jigi kontro-bilancjat mad-dritt tal-invidwu ghas-salvagwardja tar-reputazzjoni u integrita` tieghu, *multo magis* meta, bhal fil-kaz prezenti, l-vittma tal-libell kien f'dak iz-zmien jokkupa kariga ministerjali li necessarjament iggor maghha l-fiducja tas-socjeta' kemm fil-qadi ta' dmirijietu kif ukoll fl-integrita` tieghu bhala persuna. Ghalhekk, ghalkemm it-tolleranza tal-politiku ghall-kritika harxa hija akbar minn dak tac-cittadin privat, mill-banda l-ohra fatti li jistghu jincidu fuq il-hajja personali tieghu jistghu wkoll jaffettwaw negattivament lil dak il-politiku fil-hajja pubblika tieghu. Ghalhekk johrog aktar car l-obbligu tal-gurnalist li meta jikteb fuq fatti dwar il-hajja personali ta' persuna fil-politika huwa jaghmel il-verifiki ragjonevolment mistennija dwar il-veracita` o meno ta' dik l-ahbar.

25. Fil-kaz in dizamina, jirrizulta car li dak li kiteb ir-rikorrent dwar il-ministru koncernat, u fiz-zmien li kitbu meta allura s-socjeta' maltija ma kinitx tolleranti daqs kemm hi llum, mhu xejn aktar hlief attakk dirett lejn dak il-ministru bl-iskop li jzebilhu u jwegghu personalment b'kitba li essenzjalament tincidi fuq il-hajja tieghu u li timmina r-reputazzjoni u l-integrita` tieghu. Il-gravita` ta' dan l-agir, li jlahhaq il-grad ta' dak konsidrat malizjuz, da parti tar-rikorrent tohrog aktar cara fid-dawl tal-fatt li quddiem il-qorti kriminali huwa kien ammetta li dak li kiteb ma kienx gie verifikat minnu tant li ddikjara li l-kontenut ta' dak li kiteb kien bla bazi. Kienu dawn il-konsiderazzjonijiet li wasslu lil qrati kriminali sabiex

f'dak iz-zmien jimponu piena karcerarja fuq ir-rikorrent.

26. L-ezami li ghandu jsir mhuwiex jekk il-proceduri kriminali mehuda kontra r-rikorrent u l-piena karcerarja effettiva imposta fuqu kienux fil-parametri tal-ligi, ghax dan jirrizulta pacifiku, imma jekk il-mizura li ha l-iStat tramite l-organu gudizzjarju kinitx proporzjonata ghall-ghan tal-ligi tal-istampa li tipproteggi r-reputazzjoni tal-persuna koncernata li f'dak iz-zmien kienet tokkupa kariga ministerjali. Ghal dan il-ghan, ghandhom jitqiesu bhala fatturi relevanti is-segwenti: minn naha wahda, in-natura u s-severita` tal-piena imposta, il-fatt li il-kontenut tal-artikolu ma kienx daqstant ta' interess pubbliku, kif ukoll l-fatt ammess mill-istess rikorrent li hu ma vverifikax l-informazzjoni li kienet daqshekk personali ghall-vittma li kien ser jippubblika; minn naha l-ohra, hemm id-dritt tar-rikorrent bhala gurnalist li jressaq fatti fuq persuna li tokkupa kariga pubbika ghall-informazzjoni tal-pubbliku. Din il-Qorti bhala l-ewwel Qorti hi tal-fehma li fic-cirkostanzi tal-kaz bl-impozizzjoni ta' piena karcerarja effettiva ghal zmien tliet xhur ma nzamx dak il-bilanc gust bejn il-liberta` tal-espressjoni tar-rikorrent u d-dritt tac-cittadin ghall-inkolumita` tar-reputazzjoni tieghu. Ir-reazzjoni tal-istat ghall-artikolu miktub mir-rikorrent – minkejja l-konsiderazzjoni li l-artikolu de quo hu altament malafamenti tenut kont ukoll taz-zmien li fih gie ippublikat – kienet sproporzjonata ghall-ghan tal-ligi u ghalhekk tikkonfigura l-lezjoni tad-dritt fundamentali tar-rikorrent.

27. Ghaldaqstant dan l-aggravju mhuwiex gustifikat u qed jigi michud.

*Ir-Raba' Aggravju tal-Avukat Generali u l-Ewwel Aggravju tar-Rikorrent*

28. In kwantu dawn l-aggravji jikkoncernaw il-*quantum* ta' kumpens pagabbli lir-rikorrent, ser jigu trattati flimkien.

29. L-ewwel Qorti iffissat kumpens fl-ammont ta' €5,000 wara li qieset il-kumpens likwidat mill-Qorti Ewropeja f'numru ta' sentenzi analogi ghall-kaz odjern, b'mod partikolari dik ta' *Belpietro*.[38]

30. L-intimat jibbaza l-aggravju tieghu principalment fuq il-fatt li skont hu, r-rikorrent ma rnexxilux jipprova illi sofra stat ta' ansjeta` konsiderevoli b'konsegwenza tal-fatti minnu lmentati. Da parti tieghu, ir-rikorrent jissottometti illi tenut kont tal-kumpens likwidat mill-Qorti Ewropeja f'kawzi simili izda fejn ir-rikorrenti ma kinux intbaghtu habs, l-ammont ta' €5,000 huwa baxx wisq.

31. Din il-Qorti ma taqbilx mal-Avukat Generali illi semplici dikjarazzjoni ta' lezjoni ghandha tkun sufficjenti. Dan kien kaz fejn gurnalist, ta' kondotta nadifa, intbaghat il-habs minhabba dak li kiteb.

---

38 App. N. 43612/10, 24/09/2013

Fil-fehma ta' din il-Qorti ghandu jirrizulta car li l-piena karcerarja li pprivatu mill-liberta` tieghu zgur li holqot anzjeta` kbira fil-konfront tar-rikorrent, ghaz-zmien li ghamel il-habs u anke ghal xi zmien wara. Mill-banda l-ohra pero` ma tistax tigi injorata l-konsiderazzjoni li bit-trapass ta' tant zmien l-anzjeta` u t-tbatija li sofra r-rikorrent minhabba l-piena karcerarja u matul l-inkarcerazzjoni zgur li naqset ferm bit-trapass ta' 40 sena minn meta skonta l-piena karcerarja u allura, wara li kienet waqfet il-lezjoni kostituzzjonali subita minnu.

32. Fid-dawl tal-premess, din il-Qorti hi tal-fehma li ghandha tvarja l-ammont tal-kumpens akkordat mill-ewwel Qorti sabiex tali kumpens ikun jirrifletti b'mod aktar proporzjonat id-dannu non pekunjarju soffert mir-rikorrent bil-lezjoni subita minnu. Ghalhekk il-Qorti hi tal-fehma li l-ammont tal-kumpens ghandu jigi jkun €2,000, u mhux €5,000.

33. Ghaldaqstant tilqa' r-raba' aggravju tal-intimat, billi hu gustifikat fil-limiti tal-konsiderazzjonijiet premessi, filwaqt li tichad l-ewwel aggravju tar-rikorrent.

*It-Tieni Aggravju tal-appell incidentali*

34. F'dan l-aggravju r-rikorrent, filwaqt li jaghmel referenza ghall-Artikolu 233 tal-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili, isostni illi

la darba hu inghata ragun mill-Qorti ma kellux ibati ispejjez u l-intimat bhala parti tellief kellu jigi kkundannat ihallas l-ispejjez kollha. Il-fatt li ghaddha z-zmien ma jnaqqas xejn mill-jedd tieghu li jipprocedi ghar-rivendikazzjoni tad-dritt tieghu. Jghid ukoll li dan huwa kaz uniku ghaliex mill-indipendenza ‘l hawn ma kienx hemm gurnalist iehor li spicca l-habs minhabba dak li kiteb.

35. L-Avukat Generali jilqa’ ghal dan l-aggravju billi jghid li fil-kawza odjerna ma hemmx dubju li kull parti kienet telliefa fuq xi punt u dan stante li t-talba tar-rikorrent ghas-sejbien ta’ vjolazzjoni kienet imsejjsa wkoll fuq l-Artikolu 10 tal-Konvenzjoni liema talba ma gietx milqugha minhabba l-inkompetenza *ratione temporis* u ghalhekk id-decizjoni tal-ewwel Qorti dwar il-kap tal-ispejjez taqa’ fil-parametri tal-Artikolu 233 (3) tal-kodici fuq imsemmi. L-ewwel Qorti ddecidiet il-kap tal-ispejjez abbazi ta’ kwistjonijiet legali u hadet in konsiderazzjoni wkoll it-trapass taz-zmien. Jghid li r-rikorrent seta’ jintavola proceduri vicin il-fatti li minnhom jilmenta izda ghazel li ma jaghmilx hekk.

36. Rigward il-fattur tat-trapass taz-zmien fl-ispartizzjoni tal-ispejjez gudizzjarji, din il-Qorti tosserva li l-fatt li r-rikorrent halla jghaddi tant zmien mid-data tal-iskarcerazzjoni tieghu, meta allura kienet waqfet issehh il-lezjoni, sakemm eventwalment iddecieda li jintavola l-proceduri odjerni, dan il-fatt irrenda aktar difficli l-oneru tal-istat li jiddefendi ruhu

mill-pretensjoni tar-rikorrent, tenut kont tal-fatt diga` fuq senjalat li fiz-zmien li fih kienet giet imposta fuqu l-piena karcerarja s-socjeta' maltija kienet ferm anqas tolleranti milli hi llum ghal dak li jirrgwarda komportament, specjalment ta' politiku, accettabbli fis-socjeta`. Ghalhekk din il-Qorti hi tal-fehma li m'ghandhiex tiddisturba d-diskrezzjoni ezercitata mill-ewwel Qorti fir-rigward.

37. Rigward is-sottomissjoni tal-intimat li t-talba tar-rikorrent in kwantu kienet tirreferi ghall-Artikolu 10 tal-Konvenzjoni giet michuda, l-ewwel Qorti stess irrilevat li l-principji esposti mill-Qorti Ewropeja japplikaw ukoll ghall-Artikolu 41 tal-Kostituzzjoni stante s-similarita` ta' dawn id-dispozizzjonijiet.

38. Ghaldaqstant dan l-aggravju qed jitqies mhux gustifikat u qed jigi respint.

***<u>Decide</u>***

Ghaldaqstant tiddeciedi billi tilqa' l-appell principali u tirriduci l-ammont tal-kumpens dovut lir-rikorrent ghas-somma ta' elfejn euro [€2,000]; tichad l-appell incidentali u, tikkonferma s-sentenza ghall-bqija.

L-ispejjez tal-ewwel istanza ghandhom jibqghu kif decizi; dawk tal-appell

principali ghandhom jigu spartiti bejn il-partijiet, inkwantu ghal tlieta minn erba’ [$^{3}/_{4}$] jithallsu mill-intimat u r-rimanenti kwart [$^{1}/_{4}$] jithallas mir-rikorrent; dawk tal-appell incidentali jkunu kollha a kariku tar-rikorrent.

| | | |
|---|---|---|
| Silvio Camilleri<br>Prim Imhallef | Giannino Caruana Demajo<br>Imhallef | Noel Cuschieri<br>Imhallef |

Deputat Registratur
df